Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14401/1/17
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0086 (COD)

MI 839
ENT 238
TELECOM 299
DIGIT 248
COMPET 773
IND 315
CODEC 1830

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	8838/17 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 - Approċċ Ġenerali

I.INTRODUZZJONI

1. Fit-2 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.[1] Din tagħmel parti mill-"Pakkett ta' Konformità", li jinkludi wkoll il-proposta dwar l-Għodda ta' Informazzjoni għas-Suq Uniku u l-Komunikazzjoni dwar SOLVIT.

[1] Dok. 8838/17 + ADD1.

2. Ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura aċċess ċentralizzat għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE għall-informazzjoni neċessarja kollha meta jużaw id-drittijiet tagħhom għall-mobilità fl-UE u li jiżgura aċċess sħiħ għall-proċeduri online b'mod nondiskriminatorju (jekk proċedura hija disponibbli għal ċittadin ta' Stat Membru speċifiku, għandha tkun aċċessibbli wkoll għal utenti minn Stati Membri oħra).

   Jimponi wkoll fuq l-Istati Membri obbligu li joħolqu servizz għalkollox online fir-rigward tal-aktar proċeduri importanti u li jintużaw l-aktar spiss. Jinkludi inċentiv qawwi għall-Istati Membri biex jadottaw strateġiji elettroniċi tal-gvern transfruntiera u ambizzjużi, sabiex iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-iżviluppi teknoloġiċi disponibbli.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Ottubru 2017.[2]

4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ma tax opinjoni dwar din il-proposta.

5. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) għadu ma vvutax dwar ir-rapport tiegħu.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

6. L-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittiva u t-Tkabbir beda f'Ġunju 2017. Kien hemm 14-il laqgħa dwar din il-proposta matul il-Presidenza Maltija u dik Estonjana. Id-diskussjonijiet ikkonċentraw fuq servizzi tal-portal, rekwiżiti relatati mal-proċeduri online, inkluż il-prinċipju ta' "darba biss" (OOP), il-ġbir ta' feedback mingħand l-utenti u statistika, soluzzjonijiet tekniċi u l-Annessi.

7. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja lil din il-proposta ġiet eżaminata fid-dettall fil-21 ta' Ġunju 2017. B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-ambizzjoni ġenerali tal-proposta kienu kondiviżi mid-delegazzjonijiet.

---

[2] EESC INT/825. Din l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tkopri żewġ proposti leġislattivi tal-Pakkett ta' Konformità (Portal Uniku u SMIT) u l-Komunikazzjoni dwar SOLVIT.

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-laqgħa tiegħu fl-24 ta' Novembru 2017 qabel dwar l-aħħar modifiki għat-test ta' kompromess tal-Presidenza (dok. 14351/17) u ta l-kunsens tiegħu biex jgħaddi t-test lill-Kunsill Kompetittività tat-30 ta' Novembru 2017 sabiex jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali. It-test modifikat jinsab fl-Anness għal din in-nota.

III. KONKLUŻJONI

9. Il-Kunsill (Kompetittività) huwa mistieden jindika l-qbil tiegħu dwar it-test (approċċ ġenerali) u jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea fuq dan il-fajl.

ANNESS

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu[...] 114(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4]

[...] ,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

[3] ĠU C , , p. .
[4] ĠU C , , p. .

(7a) Is-Suq Uniku hu wieħed mill-kisbiet l-aktar tanġibbli tal-Ewropa. Peress li jippermetti linnies, lill-oġġetti, lis-servizzi u lill-kapital jiċċaqilqu b'mod liberu, joffri opportunitajiet ġodda liċ-ċittadini u lin-negozji. Dan ir-Regolament huwa azzjoni ewlenija tal-Istrateġija tas-Suq Uniku **stabbilita mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji"**[5] bl-għan li joħroġ il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku billi jagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini u għan-negozji li jiċċaqilqu fl-UE u li jinnegozjaw, jistabbilixxu lilhom infushom u jespandu n-negozju tagħhom bejn il-fruntieri.

(7a) Il-Komunikazzjoni dwar is-Suq Uniku Diġitali[6] tirrikonoxxi r-rwol tal-Internet u tat-teknoloġiji diġitali fit-trasformazzjoni tal-ħajja tagħna u l-mod kif naħdmu billi jiffaċilitaw opportunitajiet kbar għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi. Il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi li l-bżonnijiet taċ-ċittadini u tan-negozji f'pajjiżhom stess u b'mod transfruntiera jintlaħqu aħjar bl-estensjoni u l-integrazzjoni ta' portali, netwerks, servizzi u sistemi Ewropej eżistenti u billi dawn jintrabtu mal-"Portali Diġitali Uniku". Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020[7] jelenka l-portal diġitali uniku fost waħda mill-azzjonijiet tiegħu għall-2017. Ir-rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE[8] jikkunsidra l-portal diġitali uniku bħala prijorità għad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE.

(7a) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill talbu ripetutament għal pakkett ta' informazzjoni u assistenza aktar komprensiv u aktar faċli għall-utent biex jgħin lin-negozji jinnavigaw is-Suq Uniku u biex isaħħaħ u jissimplifika l-għodod tas-Suq Uniku sabiex jissodisfa l-bżonnijiet taċ-ċittadini u tan-negozji fl-attivitajiet transfruntiera tagħhom.

---

5 [...] .

6 "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa", Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2015) 192 final.6.5.2015

7 "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika" Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2016)0179 final.

8 Ir-rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: It-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini f'Unjoni ta' tibdil demokratiku, 24 ta' Jannar 2017, COM(2017)30/2 final.

(7a) Dan ir-Regolament jwieġeb għal dawn it-talbiet billi joffri liċ-ċittadini u lin-negozji aċċess faċli għal informazzjoni, proċeduri u servizzi ta'assistenza u ta' soluzzjoni ta' problemi li jeħtieġu għall-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom fis-suq intern. Dan ir-Regolament jistabbilixxi portal diġitali uniku li fil-kuntest tiegħu l-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-objettivi.

(7a) [...]

(7a) Peress li [...] **dan ir-Regolament** isegwi għan triplu bl-għan li jnaqqas piż amministrattiv addizzjonali fuq iċ-ċittadini u n-negozji li joperaw jew li jridu joperaw fi Stati Membri oħrajn b'konformità sħiħa mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali, li jelimina d-diskriminazzjoni u li jiżgura l-funzjonament tas-suq intern fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni ta' problemi [...] , **dan ir-Regolament** [...] għandu jkun ibbażat fuq l-Artikolu[...] 114(1) TFUE.

(7a) Sabiex iċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni jgawdu d-dritt tagħhom ta' moviment liberu fis-suq intern, jenħtieġ li l-Unjoni tadotta miżuri speċifiċi li jippermettu liċ-ċittadini u lin-negozji jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni **suffiċjentement** komprensiva u affidabbli dwar id-drittijiet tagħhom maħluqa mil-liġi tal-Unjoni u għal informazzjoni dwar ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali applikabbli li jkollhom jikkonformaw magħhom fejn iridu jmorru sabiex jgħixu jew jistudjaw jew fejn jixtiequ jistabbilixxu ruħhom jew jagħmlu negozju fi Stat Membru ieħor minbarra pajjiżhom stess. **Huwa partikolarment importanti li negozji ġodda innovattivi li jiffaċċjaw ambjenti regolatorji kumplessi, bħal dawk li huma attivi fil-kummerċ elettroniku u l-ekonomija kollaborattiva, ikunu jistgħu jiskopru faċilment ir-regoli applikabbli u kif dawn japplikaw għall-attivitajiet kummerċjali tagħhom. Aċċess faċli għall-informazzjoni għandu jinftiehem bħala wieħed li jippermetti li l-utent isib l-informazzjoni faċilment, ikun jista' jidentifika faċilment liema partijiet mill-informazzjoni huma rilevanti għas-sitwazzjoni partikolari tiegħu u jkun jista' jifhem faċilment l-informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu kif jiżguraw aċċess faċli għall-informazzjoni, b'kont meħud tal-ħtiġijiet [...] reali tal-utenti.** L-informazzjoni li trid tingħata fil-livell nazzjonali ma għandhiex tirrigwarda biss ir-regoli nazzjonali li jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni, iżda wkoll kwalunkwe regola oħra nazzjonali applikabbli għaċ-ċittadini u n-negozji ta' Stati Membri oħrajn ukoll.

(7a) **L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta ma għandhiex tkopri sistemi ġudizzjarji nazzjonali, minħabba li l-informazzjoni f'dak il-qasam rilevanti għall-utenti transfruntiera hija diġà inkluża fil-portal tal-Ġustizzja elettronika. Madankollu, f'xi sitwazzjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, il-qrati jistgħu jkunu awtoritajiet kompetenti, pereżempju meta l-qrati jkunu qed jamministraw reġistri kummerċjali. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għandu japplika wkoll għal proċeduri online li jagħtu aċċess għal qrati tal-ġustizzja.**

(8) Huwa ċar li ċ-ċittadini u n-negozji ("l-utenti") minn Stati Membri oħrajn jistgħu jkunu fi żvantaġġ minħabba n-nuqqas ta' familjarità tagħhom mar-regoli nazzjonali u mas-sistemi amministrattivi, id-differenzi fil-lingwi użati u n-nuqqas ta' prossimità ġeografika għall-awtoritajiet pubbliċi f'dawk l-Istati Membri. L-aktar mod effiċjenti kif jitnaqqsu l-ostakli riżultanti għas-suq intern huwa li l-utenti transfruntiera **(utenti f'sitwazzjoni li mhix ristretta fl-aspetti kollha ġewwa Stat Membru wieħed)** jingħataw aċċess għal informazzjoni online, f'lingwa li jistgħu jifhmu, sabiex ikunu jistgħu jwettqu proċeduri għall-konformità mar-regoli nazzjonali kompletament online u joffrulhom l-assistenza fejn ir-regoli u l-proċeduri mhumiex ċari biżżejjed jew fejn jiltaqgħu ma' ostakli fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom.

(9) Għadd ta' atti tal-Unjoni ppruvaw jipprovdu soluzzjonijiet billi joħolqu one-stop shops settorjali, fosthom Punti ta' Kuntatt Waħdieni stabbiliti mid-Direttiva dwar is-Servizzi[9] sabiex joffru informazzjoni, servizzi ta' assistenza u aċċess għal proċeduri online rilevanti għall-forniment ta' servizzi; Punti ta' Kuntatt tal-Prodott[10] u Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti għall-Bini[11] stabbiliti sabiex jipprovdu aċċess għal regoli tekniċi speċifiċi għall-prodotti u Ċentri ta' Assistenza għall-Kwalifiki Professjonali[12] sabiex jgħinu lill-professjonisti li jkunu ser imorru pajjiż ieħor. Barra minn hekk, ġew stabbiliti netwerks, bħaċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi sabiex jippromwovu l-fehim tad-drittijiet tal-konsumaturi tal-Unjoni u sabiex jgħinuhom isolvu l-ilmenti tagħhom dwar akkwisti magħmula fi Stati Membri oħrajn fi ħdan in-netwerk, meta jivvjaġġaw jew meta jkunu qegħdin jixtru online. Barra minn hekk, SOLVIT[13] jipprova jwassal soluzzjonijiet mgħaġġla, effettivi u informali lil individwi u negozji meta d-drittijiet tal-Unjoni tagħhom fis-suq intern jiġu miċħuda mill-awtoritajiet pubbliċi. Fl-aħħar nett, diversi portali ta' informazzjoni bħall-Ewropa Tiegħek, fir-rigward tas-suq intern, u l-portal tal-Ġustizzja elettronika, b'rabta mal-qasam tal-ġustizzja, kienu stabbiliti sabiex jinformaw lill-utenti dwar ir-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

(10) Bħala riżultat tan-natura settorjali ta' dawn l-atti, il-provvista attwali ta' informazzjoni u ta' servizzi ta' assistenza online flimkien mal-proċeduri online għaċ-ċittadini u għan-negozji għadha frammentata ħafna. Hemm diskrepanzi fid-disponibbiltà ta' informazzjoni u proċeduri online, hemm nuqqas ta' kwalità b'rabta mas-servizzi u n-nuqqas ta' għarfien fir-rigward ta' dik l-informazzjoni u dawk is-servizzi ta' assistenza. Hemm ukoll problemi bil-faċilità tas-sejbien u bl-aċċessibbiltà tas-servizzi għal [...] utenti **transfruntiera** [...].

---

9 Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

10 Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21–29).

11 Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5–43).

12 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22–142).

13 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2013 dwar il-prinċipji li jirregolaw SOLVIT (ĠU L 249, 19.9.2011, p. 10).

(11) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi punt ta' dħul uniku li minnu ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar ir-regoli u r-rekwiżiti li jkollhom jikkonformaw magħhom, skont il-liġi tal-Unjoni u/jew nazzjonali. Għandu jissimplifika l-kuntatt taċ-ċittadini u tan-negozji mas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi, stabbiliti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali u jagħmlu aktar effettiv. Il-portal għandu wkoll jiffaċilita l-aċċess għall-proċeduri u t-twettiq tagħhom. [...] . F'dan il-kuntest, ir-Regolament għandu jappoġġa l-użu tal-prinċipju ta' "darba biss" għall-fini tal-iskambju ta' evidenza bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti.

(12) Il-portal għandu jkun iċċentrat madwar l-utent u faċli biex jintuża u għandu jippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jinteraġixxu mal-amministrazzjonijiet nazzjonali u tal-Unjoni billi jipprovdilhom l-opportunità li jagħtu feedback dwar l-esperjenza tagħhom kemm tas-servizzi offruti mill-portal kif ukoll tal-funzjonament tas-suq intern. L-għodda tal-feedback għandha tippermetti lill-utent jindika l-problemi perċepiti, in-nuqqasijiet u l-ħtiġijiet sabiex tħeġġeġ it-titjib kontinwu tal-kwalità tas-servizzi.

(13) Is-suċċess tal-portal jiddependi mill-isforz konġunt tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Il-portal għandu jinkludi interfaċċa komuni tal-utent integrata fil-portal eżistenti L-Ewropa Tiegħek li ser ikun immexxi mill-Kummissjoni. L-interfaċċa komuni tal-utent għandha tipprovdi links għal informazzjoni, proċeduri u għal servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi disponibbli fuq portali ġestiti mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Sabiex tiffaċilita l-użu tal-portal, l-interfaċċa tal-utent għandha tkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Il-funzjonament tal-portal għandu jkun appoġġat minn għodod tekniċi żviluppati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni **mill-qrib** mal-Istati Membri.

(14) Fil-Karta għall-Punti ta' Kuntatt Waħdieni (PSCs) elettroniċi skont id-Direttiva dwar is-Servizzi[14], l-Istati Membri għamlu impenn volontarju li jassumu approċċ iċċentrat fuq l-utent fil-provvediment ta' informazzjoni mill-PSCs, sabiex ikopru oqsma ta' importanza partikolari għan-negozji fosthom il-VAT, it-taxxi fuq l-introjtu, is-sigurtà soċjali jew ir-rekwiżiti tal-liġi tax-xogħol. Skont il-Karta u skont l-esperjenza mill-Portal L-Ewropa Tiegħek, l-informazzjoni għandha tipprovdi wkoll deskrizzjoni tas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi**.** [...]**Iċ-**ċittadini u n-negozji jistgħu jirreferu għal **dawn is-servizzi** meta jkollhom problemi biex jifhmu l-informazzjoni, **japplikaw** dik l-informazzjoni għas-sitwazzjoni [...] tagħhom jew biex **jikkompletaw** [...] proċedura.

(14a) Dan ir-Regolament jelenka l-oqsma ta' informazzjoni li hija rilevanti għaċ-ċittadini u n-negozji li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fis-suq intern. Għal dawn l-oqsma, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta, fil-livell nazzjonali, inkluż il-livelli reġjonali u lokali, u fil-livell tal-Unjoni u jiġu spjegati r-regoli applikabbli u l-obbligi u l-proċeduri li jridu jitwettqu miċ-ċittadini u min-negozji sabiex jikkonformaw ma' dawk ir-regoli u l-obbligi. [...] . Din l-informazzjoni għandha tingħata b'tali mod li l-utenti jistgħu jifhmu faċilment ir-regoli u ħtiġijiet bażiċi applikabbli għas-sitwazzjoni tagħhom f'dawn l-oqsma.

[14] Il-Karta ġiet approvata mill-Kunsill fl-2013.

(14b)Kull meta possibbli, l-informazzjoni diġà miġbura mill-Kummissjoni mingħand l-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni eżistenti jew arranġamenti volontarji, bħall-portal EURES[15], il-portal tal-Ġustizzja Elettronika[16] jew il-bażi tad-data tal-Professjonijiet Regolati, għandha tintuża biex tkopri parti mill-informazzjoni li tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali skont dan ir-Regolament. Meta l-Istati Membri diġà għandhom jipprovdu informazzjoni online skont dispożizzjonijiet eżistenti oħra tal-liġi tal-Unjoni, bħal pereżempju skont id-Direttiva 2014/67/UE, għandu jkun suffiċjenti li l-Istati Membri jipprovdu links għall-informazzjoni online eżistenti. Fejn ċerti oqsma ta' politika diġà ġew armonizzati għalkollox permezz tal-liġi tal-Unjoni, bħal pereżempju fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumatur, l-informazzjoni pprovduta fil-livell tal-UE tkun ġeneralment biżżejjed biex jiġu spjegati lill-utent id-drittijiet jew l-obbligi rilevanti tiegħu. F'każijiet bħal dawn l-Istati Membri ser ikunu obbligati biss li jżidu l-informazzjoni dwar il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza amministrattivi nazzjonali tagħhom jew kwalunkwe arranġament amministrattiv nazzjonali ieħor[...] li [...] huwa rilevanti għall-utenti. Informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumatur ma għandhiex tinterferixxi mad-dritt kuntrattwali privat, iżda għandha tinforma biss lill-utenti dwar id-drittijiet legali tagħhom skont il-liġi tal-UE u dik nazzjonali fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet kummerċjali.

---

15 **Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1–28).**

16 **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (2001/470/KE) (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).**

(15) Dan ir-Regolament għandu jtejjeb id-dimensjoni tas-suq intern ta' proċeduri online billi jisħaq fuq il-prinċipju ġenerali tan-nondiskriminazzjoni anki b'rabta mal-aċċess miċ-ċittadini jew min-negozji għal proċeduri online diġà stabbiliti fil-livell nazzjonali u fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni **u dawk li għandhom isiru għalkollox disponibbli online f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dan il-prinċipju jipprojbixxi l-utenti f'sitwazzjonijiet li jistgħu jiġu mqabbla li jiġu ttrattati b'mod differenti jew utenti f'sitwazzjonijiet differenti li jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm dan ma jkunx oġġettivament ġustifikat. Fejn utent, f'sitwazzjoni strettament ristretta għal Stat Membru uniku, jkun jista' jaċċessa u jiffinalizza proċedura online f'dak l-Istat Membru f'qasam kopert minn dan ir-Regolament,** [...] **utent transfruntier għandu jkun jista'** [...] jaċċessa u jiffinalizza **l-istess proċedura** online [...] , **jew permezz tal-istess soluzzjoni teknika jew [...] alternattivament, soluzzjoni teknikament separata li twassal għall-istess eżitu,** mingħajr **ebda** ostakli **diskriminatorji.**

(16) **Ostakli** bħal **dawn jistgħu jkunu magħmula minn soluzzjonijiet imfassla fil-livell nazzjonali, bħall-użu** ta' partijiet ta' formoli li jeħtieġu numri tat-telefon nazzjonali**,** […] kodiċijiet postali nazzjonali [...] **jew** pagamenti ta' miżati li jistgħu jsiru biss permezz ta' sistemi li ma jipprovdux għal pagamenti transfruntiera [...]**. Ostakli bħal dawn jistgħu jirriżultaw ukoll min-**nuqqas ta' spjegazzjonijiet […] **suffiċjenti [...]** f'lingwa oħra għajr **[...]**lingwa **uffiċjali** [...] **tal-Istat Membru**, in-nuqqas ta' possibbiltajiet ta' preżentazzjoni ta' evidenza elettronika minn awtoritajiet li jinsabu fi Stat Membru ieħor u n-nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettroniċi maħruġa fi Stati Membri oħrajn. **Dan ir-Regolament m'għandu jaffettwa bl-ebda mod ir-rekwiżiti sostantivi eżistenti skont id-dritt tal-Unjoni u/jew il-liġi nazzjonali f'oqsma ta' politika koperti b'dan ir-Regolament.**

(15a)Meta l-utenti jkunu qed ilestu l-proċeduri online bejn il-fruntieri, dawn għandhom ikunu jistgħu jirċievu l-ispjegazzjonijiet [...] rilevanti kollha mill-inqas b'lingwa addizzjonali oħra għajr il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru. Dan ma jkunx jeħtieġ li l-Istati Membri jittraduċu [...] l-formoli amministrattivi tagħhom, [...] il-proċedura u lanqas l-eżitu tal-proċedura [...] fil-lingwa l-oħra. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu lill-utenti jlestu l-proċeduri, kemm jista' jkun, fil-lingwa addizzjonali filwaqt li jirrispettaw ir-regoli nazzjonali tal-Istati Membri dwar l-użu tal-lingwi.

(15b)Liema proċeduri nazzjonali online huma rilevanti għall-utenti transfruntiera li jippermettulhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tas-suq uniku, ser jiddependu fuq jekk dawn humiex residenti jew stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat, jew jixtiequx ikollhom aċċess għal proċeduri ta' dak l-Istat Membru waqt li jkunu residenti jew stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Dan ir-Regolament ma għandux iżomm l-Istati Membri milli jesiġu li utenti transfruntiera li huma residenti jew stabbiliti f'pajjiżhom, għandhom jiksbu numru tal-identifikazzjoni nazzjonali sabiex jiksbu aċċess għall-proċeduri nazzjonali online, dment li dan ma jinvolvix spiża jew piż mhux ġustifikabbli għal dawk l-utenti. Għal utenti transfruntiera li ma jkunux residenti jew stabbiliti fi Stat Membru, proċeduri nazzjonali online, li mhumiex rilevanti għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fis-suq uniku, bħal pereżempju li jirreġistraw biex jirċievu servizzi lokali bħall-ġbir tal-iskart u l-permessi tal-ipparkjar, ma għandhomx għalfejn ikunu kompletament aċċessibbli online.

(16) Dan ir-Regolament għandu jibni fuq ir-Regolament[17] dwar l-eIDAS li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri jirrikonoxxu ċerti **mezzi** ta' identifikazzjoni elettronika għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jaqgħu taħt skema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata ta' Stat Membru ieħor. [...] . **Ir-Regolament dwar l-eIDAS jipprevedi l-kondizzjonijiet għall-utenti sabiex ikunu jistgħu jużaw il-mezzi tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettronika tagħhom sabiex jaċċessaw servizzi pubbliċi f'sitwazzjonijiet transfruntiera.**

(17) Għadd ta' atti settorjali tal-Unjoni bħad-Direttiva dwar is-Servizzi[18], id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali[19] u d-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku[20] jeħtieġu li l-proċeduri jkunu magħmula kompletament disponibbli online. Dan ir-Regolament għandu jżid ir-rekwiżiti għal għadd ta' proċeduri [...] **ta' importanza ewlenija għall-maġġoranza taċ-ċittadini u n-negozji li jeżerċitaw id-drittijiet u l-obbligi transfruntiera tagħhom** [...] biex ikunu kompletament disponibbli online.

17 Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114).

18 Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36-**68**).

19 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22–142).

20 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65–242) u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243–374).

(18) Sabiex jippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, dan ir-Regolament għandu jeħtieġ diġitalizzazzjoni sħiħa [...] ta' ċerti proċeduri ewlenin għall-utenti transfruntiera, li huma elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u jipprovdi l-kriterji għad-definizzjoni ta' kif il-proċedura tikkwalifika bħala kompletament online. **Dan l-obbligu għandu japplika biss [...] meta dawn il-proċeduri jeżistu fl-Istati Membri. Waħda minn dawn il-proċeduri hija** [...] **r-**"reġistrazzjoni **ġenerali** ta' attività ta' negozju" **li tkopri l-passi komuni li huma meħtieġa biex tiġi reġistrata kwalunkwe attività ta' negozju [...]** . Madankollu, ma għandux ikopri l-proċeduri li jwasslu għall-kostituzzjoni ta' kumpaniji jew ditti bħala entitajiet legali peress li proċeduri bħal dawn jeħtieġu approċċ komprensiv li jiffaċilita s-soluzzjonijiet diġitali tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' kumpannija. Meta n-negozji jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor, ikunu meħtieġa jirreġistraw fi skema tas-sigurtà soċjali u fi skema ta' assigurazzjoni sabiex jirreġistraw lill-impjegati tagħhom u jħallsu kontribuzzjonijiet liż-żewġ skemi. Dawn il-proċeduri huma komuni għan-negozji kollha li joperaw fi kwalunkwe settur tal-ekonomija, u għalhekk huwa xieraq li dawk iż-żewġ proċeduri ta' reġistrazzjoni jkunu magħmula disponibbli online.

(18a) Dan ir-Regolament għandu jikkjarifika x'jirrekjedi li offerta ta' proċedura tkun kompletament online. Proċedura tista' tkun meqjusa bħala kompletament online jekk l-utent ikun jista' jieħu l-passi kollha mill-aċċess sat-tmiem ta' dik [...] il-proċedura, fir-rigward tal-interazzjoni bejn l-utent u l-awtorità kompetenti ('front office'), b'mod elettroniku, mill-bogħod u permezz ta' servizz online. Dan is-servizz għandu jiggwida lill-utent permezz ta' lista [...] tar-rekwiżiti kollha li għandhom jiġu ssodisfati u l-evidenza kollha ta' sostenn li għandha tiġi pprovduta, għandu jippermetti lill-utent biex jipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti kollha u għandu jipprovdi sistema awtomatika ta' konferma tar-riċevuta lill-utent, dment li l-eżitu tal-proċedura ma jingħatax minnufih. Ir-riżultat tal-proċedura, kif stipulat f'dan ir-Regolament, għandu jiġi pprovdut ukoll mill-awtoritajiet kompetenti lill-utent b'mod elettroniku, fejn possibbli skont il-liġi tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli. [...]

(18b) Dan ir-Regolament ma għandux jinterferixxi mal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali f'fażijiet differenti ta' kwalunkwe proċedura, inkluż il-verifika tal-eżattezza tal-informazzjoni ppreżentata, lanqas mal-flussi ta' ħidma proċedurali fl-awtoritajiet kompetenti u bejniethom ('back office'), kemm jekk ikunu diġitalizzati kif ukoll jekk le.

(19) **F'diversi każijiet l-utent ikollu jressaq evidenza biex jagħti prova għal fatti li ma jistgħux jiġu stabbiliti permezz ta' mezzi online, bħal ċertifikati mediċi, prova li wieħed għadu ħaj u prova tal-affidabilità stradali ta' vetturi bil-mutur jew il-verifika tal-numri tax-chassis. Sakemm l-evidenza biex tingħata prova ta' dawn il-fatti jistgħu jiġu ppreżentati f'format elettroniku, dan ma jikkostitwixxix eċċezzjoni għall-prinċipju li proċedura għandha tiġi offruta kompletament online.** F'[...]każijiet **oħra**, minħabba l-istat attwali tal-iżvilupp tekniku xorta waħda jista' jkun hemm il-bżonn li l-utenti ta' proċedura jidhru personalment quddiem awtorità kompetenti bħala parti mill-proċedura online [...] . Kwalunkwe eċċezzjoni**, minbarra dawk li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni**, [...] għandha tkun limitata għal sitwazzjonijiet fejn ma teżisti ebda teknoloġija diġitali biex jintlaħaq l-iskop tal-proċedura **jew fejn ikun iġġustifikat minħabba raġuni predominanti ta' interess pubbliku, inkluż il-ġlieda kontra l-frodi**. **Għat-trasparenza, l-Istati Membri għandhom jikkondividu informazzjoni dwar eċċezzjonijiet bħal dawn mal-Kummissjoni u ma' Stati Membri oħra. Il-prattiki nazzjonali tajba u żviluppi tekniċi li jippermettu aktar diġitalizzazzjoni għandhom jiġu diskussi regolarment fil-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal.**

(19a) Il-proċedura biex tiġi rreġistrata bidla ta' indirizz f'sitwazzjonijiet transfruntiera tista' tikkonsisti f'żewġ proċeduri separati, waħda fl-Istat Membru ta' oriġini biex tintalab dereġistrazzjoni tal-indirizz l-antik, u l-oħra fl-Istat Membru ta' destinazzjoni biex ikun hemm talba għal reġistrazzjoni fl-indirizz il-ġdid.

(19b) Dan ir-Regolament għandu jkopri biss id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura li titlob ir-rikonoxximent akkademiku ta' diplomi, ċertifikati jew xhieda oħra ta' korsijiet li jkunu tlestew [...] fir-rigward ta' persuna li tixtieq tkompli jew tibda tistudja, jew biex tuża titolu akkademiku, minbarra l-formalitajiet relatati mar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, minħabba li d-diġitalizzazzjoni tar-rekwiżiti, tal-proċeduri u tal-formalitajiet relatati mar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali hija diġà koperta mid-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.[21]

[21] **Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.09.2005, p. 22-142).**

(20) [...]

(21) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa r-regoli ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], li jiddefinixxu d-drittijiet u l-obbligi ta' persuni assigurati u tal-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-proċeduri applikabbli fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali**. [...]**

(22) Ġew stabbiliti diversi netwerks u servizzi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni sabiex jassistu liċ-ċittadini u lin-negozj**i** fl-attivitajiet transfruntiera tagħhom. Huwa importanti li dawn is-servizzi, inklużi ċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, il-helpdesk għad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali, Europe Direct u n-Netwerk Enterprise Europe, jifformaw parti mill-portal diġitali uniku sabiex ikun żgurat li l-utenti potenzjali kollha jkunu jistgħu jsibuhom. Dawk li huma elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament kienu stabbiliti permezz ta' atti vinkolanti tal-Unjoni filwaqt li oħrajn joperaw fuq bażi volontarja. Is-servizzi preċedenti għandhom ikunu marbutin bir-**rekwiżiti** [...] tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament filwaqt li dawn tal-aħħar għandhom jagħżlu li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kwalità jekk iridu li s-servizzi tagħhom ikunu magħmula aċċessibbli mill-portal. **L-għan u n-natura ta' dawn is-servizzi, l-arranġament ta' governanza tagħhom, l-iskadenzi eżistenti, u l-bażi volontarja, kuntrattwali jew oħra li joperaw abbażi tagħha ma għandhomx jiġu mibdula minn dan ir-Regolament. Pereżempju, meta l-assistenza li jipprovdu hija ta' natura informali, dan ir-Regolament ma għandux ikollu l-effett li jibdel din l-assistenza f'konsulenza legali ta' natura vinkolanti.**

---

22 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1–123).

23 Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1–42).

(23) Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jiddeċiedu, **iżda ma għandhomx jiġu obbligati,** li jżidu servizzi oħrajn ta' assistenza nazzjonali jew ta' soluzzjoni ta' problemi pprovduti minn awtoritajiet kompetenti jew minn entitajiet privati jew semiprivati, **bħal kmamar tal-kummerċ jew servizzi mhux governattivi ta' assistenza għaċ-ċittadini,** taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Fil-prinċipju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli biex jgħinu liċ-ċittadini u lin-negozji fi kwalunkwe problema li jkollhom rigward ir-regoli applikabbli u l-proċeduri li ma jistgħux ikunu indirizzati għal kollox mis-servizzi online. Madankollu, f'oqsma speċjalizzati ħafna u fejn is-servizz ipprovdut minn korpi privati jew semiprivati jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti, l-Istati Membri jistgħu jipproponu lill-Kummissjoni biex tinkludi dawn is-servizzi fil-portal, diment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stipulati fir-Regolament u ma jidduplikawx is-servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni ta' problemi li jkunu diġà inklużi.

(24) Biex jassisti lill-utenti jidentifikaw is-servizz xieraq, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għodda li awtomatikament tiggwida lill-utenti lejn is-servizz it-tajjeb.

(25) Il-konformità ma' lista minima ta' rekwiżiti tal-kwalità hija element essenzjali għas-suċċess tal-portal diġitali uniku sabiex ikun żgurat li l-għoti ta' informazzjoni jew servizzi huwa affidabbli inkella tiġi mminata l-kredibbiltà tal-portal inġenerali. **L-objettiv sovrastanti tal-konformità huwa li jiġi żgurat li l-informazzjoni jew is-servizz jiġu ppreżentati b'mod ċar u faċli għall-utent. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeterminaw kif l-informazzjoni tiġi ppreżentata matul il-vjaġġ tal-utent sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.**

(25aa)L-aċċessibbiltà tal-informazzjoni għall-utenti transfruntiera tista' tittejjeb b'mod sostanzjali meta l-informazzjoni tkun disponibbli mhux **f'lingwa uffiċjali oħra tal-UE li ġeneralment tinftiehem mill-akbar għadd possibbli ta' utenti transfruntiera** [...] . It-traduzzjoni mil-lingwa jew mil-lingwi nazzjonali f'din il-lingwa uffiċjali l-oħra tal-Unjoni għandha tirrifletti perfettament il-kontenut tal-informazzjoni pprovduta fil-lingwa jew fil-lingwi nazzjonali. **Għandha biss tiġi tradotta f'lingwa oħra l-informazzjoni li jeħtieġu l-utenti sabiex jifhmu r-regoli u r-rekwiżiti bażiċi li japplikaw għas-sitwazzjoni tagħhom. Filwaqt li jħeġġeġ lill-Istati Membri jittraduċu kemm jista' jkun informazzjoni f'lingwa li ġeneralment tinftiehem mill-akbar għadd possibbli ta' utenti transfruntiera, dan ir-Regolament ma għandux jobbligahom jittraduċu aktar informazzjoni milli tista' tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel l-arranġamenti xierqa biex tiżgura t-twassil effiċjenti tat-traduzzjonijiet lill-Istati Membri fuq talba tagħhom.**

(25a) Sabiex jiġi ffaċilitat il-ħlas ta' tariffi, l-utenti transfruntiera għandhom ikunu jistgħu jużaw trasferimenti ta' kreditu jew ta' debiti diretti kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 260/2012[24] jew mezzi oħrajn ta' ħlas transfruntier li ġeneralment jintużaw, inkluż karti ta' debitu jew ta' kreditu, biex iħallsu kwalunkwe tariffa rikjesta bħala parti minn proċeduri online jew għall-għoti ta' servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni ta' problemi.

(25b) [...] Ikun siewi li l-utenti jkunu infurmati dwar iż-żmien mistenni li proċedura tista' tieħu. Għandhom ikunu infurmati dwar l-iskadenzi applikabbli jew arranġamenti ta' approvazzjoni taċita jew ta' silenzju amministrattiv, jekk dawn ma jkunux applikabbli, tal-inqas iż-żmien medju, approssimattiv jew indikattiv, li normalment tieħu l-proċedura. Dawn l-approssimazzjonijiet jew indikazzjonijiet ma għandu jkollhom l-ebda effett legali, iżda għandhom biss jgħinu lill-utenti meta jippjanaw l-attivitajiet tagħhom jew kwalunkwe pass amministrattiv sussegwenti.

[24] **Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.03.2012, p. 22–37).**

(26) Dan ir-Regolament għandu jippermetti wkoll il-verifika tal-evidenza pprovduta mill-utenti fil-format elettroniku, meta din tiġi ppreżentata mingħajr siġill elettroniku jew ċertifikazzjoni mill-awtorità kompetenti emittenti, [...] meta l-għodda teknika **koperta minn dan ir-Regolament jew kwalunkwe sistema oħra** li tippermetti l-iskambju dirett **jew il-verifika** ta' evidenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti ma tkunx [...] disponibbli. Għal dawn il-każijiet dan ir-Regolament għandu jipprevedi mekkaniżmu effettiv għal kooperazzjoni amministrattiva fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, ibbażat fuq is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('IMI'), stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni ta' awtorità kompetenti li tuża l-IMI għandha tkun volontarja, iżda ladarba t-talba għal informazzjoni jew kooperazzjoni tiġi ppreżentata permezz tal-IMI, l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tkun obbligata tikkoopera u tipprovdi risposta. It-talba tista' tintbagħat permezz tal-IMI kemm lil [...] awtorità kompetenti li tipprovdi l-evidenza jew lill-awtorità ċentrali [...] li għandha tiġi deċiża mill-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti amministrattivi proprji tagħhom. Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u minħabba li r-Regolament (UE) 2016/1191 ikopri parti mill-evidenza rilevanti għall-proċeduri koperti minn dan ir-Regolament, l-arranġamenti [...] ta' kooperazzjoni għall-IMI stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1191 jistgħu [...] jintużaw ukoll għall-finijiet ta' evidenza oħra rikjesta fi proċeduri koperti minn dan ir-Regolament. Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 għandu jiġi emendat sabiex jippermetti lill-korpi, lill-uffiċċji jew lill-aġenziji tal-Unjoni jsiru atturi fi ħdan l-IMI.

[25] Ir-Regolament (Unjoni) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

(27) Is-servizzi online ipprovduti mill-awtoritajiet kompetenti huma kruċjali biex tiżdied il-kwalità tas-servizzi mogħtija liċ-ċittadini u lin-negozji. Fejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri, aktar ma jmur ma għadhomx jeħtieġu li ċ-ċittadini u n-negozji jipprovdu l-istess informazzjoni diversi drabi iżda minflok qegħdin jaħdmu lejn l-użu mill-ġdid tad-data, l-istess ħaġa għandha tkun iffaċilitata għall-utenti li jiffaċċjaw proċeduri fi Stati Membri oħrajn, biex jonqos il-piż addizzjonali.

(28) B'konformità mal-prinċipju ta' "darba biss", sabiex ikompli jiġi ffaċilitat l-użu ta' proċeduri online, dan ir-Regolament għandu jipprovdi l-bażi għall-**ħolqien u l-użu ta' soluzzjoni teknika għall-**iskambju **awtomatizzat** ta' evidenza [...] **fost** l-Istati Membri, **bejn l-atturi involuti fil-proċedura**, fuq talba **espliċita** taċ-ċittadini u tan-negozji. **Meta l-iskambju ta' evidenza jinkludi data personali, it-talba jenħtieġ li titqies bħala waħda espliċita jekk ikun fiha indikazzjoni mogħtija b'mod ħieles, speċifika, informata u mhux ambigwa tax-xewqat tal-individwu li jiskambja d-data personali rilevanti, permezz ta' dikjarazzjoni jew ta' azzjoni affermattiva. Jekk l-utent ma jkunx il-persuna kkonċernata mid-data, il-proċedura online ma għandhiex taffettwa d-drittijiet tiegħu jew tagħha kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2016/679.** L-**applikazzjoni transfruntiera tal-**prinċipju ta' "darba biss**"** tfisser li ċ-ċittadini u n-negozji ma għandhomx jipprovdu l-istess [...] **data** lill-awtoritajiet pubbliċi aktar minn darba, **u li din id-data tista' tintuża wkoll fuq it-talba tal-utent** għall-**finijiet tat-tlestija** ta' **proċeduri online** transfruntiera [...] **li jinvolvu utenti transfruntiera. Kwalunkwe skambju transfruntier ta' evidenza għandu jkollu bażi legali xierqa bħad-Direttivi 2005/36/KE, 2006/123/KE, 2014/24/UE u 2014/25/UE jew għall-proċeduri elenkati fl-Anness II, skont liġi tal-UE jew nazzjonali applikabbli oħra. Fejn tali bażi legali li tinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, dan għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.**

(28a) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi, bħala regola ġenerali, li l-iskambju awtomatizzat transfruntier ta' evidenza jseħħ fuq it-talba espliċita tal-utent. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali tippermetti l-iskambju transfruntier awtomatizzat ta' data mingħajr talba espliċita tal-utent.

(29) Is-sistema teknika sigura li għandha tiġi stabbilita sabiex tippermetti l-iskambju ta' evidenza skont dan ir-Regolament għandha tagħti wkoll lill-awtoritajiet kompetenti rikjedenti ċ-ċertezza li l-evidenza ġiet ippreżentata mill-awtorità emittenti t-tajba. **Qabel ma taċċetta l-informazzjoni pprovduta minn utent fil-kuntest ta' proċedura, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tkun kapaċi tivverifika l-informazzjoni f'każ ta' dubji u tikkonkludi li hija eżatta.**

(29a) Għadd ta' elementi kostitwenti eżistenti joffru kapaċitajiet bażiċi li jistgħu jintużaw biex tiġi stabbilita s-sistema teknika, bħall-elementi kostitwenti eżistenti tal-Konsenja elettronika u tal-identità elettronika fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa[26] (CEF). Dawn l-elementi kostitwenti jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi, kampjun ta' software u servizzi ta' sostenn, u għandhom l-għan li jiżguraw l-interoperabbiltà fost is-sistemi tal-ICT eżistenti tal-Istati Membri sabiex iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi diġitali mingħajr xkiel kull fejn ikunu fl-Ewropa.

---

26 **Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010, (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129–171).**

(30) Sistema bħal din għandha tkun disponibbli minbarra sistemi oħrajn li jipprovdu mekkaniżmi għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, bħall-IMI [...] u ma għandhiex taffettwa lil sistemi oħrajn, inkluż is-sistema prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, id-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist skont id-Direttiva (UE) 2014/24 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]**, l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) skont ir-Regolament (KE) Nru 987/2009[28], il-Karta Professjonali Ewropea skont id-Direttiva 2005/36/KE**, l-interkonnessjoni ta' reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpanniji skont id-Direttiva [...] **(UE) 2017/1132** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**[29]** u tar-reġistri tal-insolvenza taħt ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**[30]**.

---

27 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65–242).

28 **Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).**

29 **Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni) (ĠU169, 30.6.2017, p. 46-127).** [...]

30 Ir-Regolament (UE) Nru 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19–72).

(31) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' sistema teknika li tippermetti l-iskambju ta' evidenza, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex din tipprovdi dettalji, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' sistema għall-ipproċessar tat-talba tal-utent għall-iskambju ta' evidenza, għat-trasferiment ta' tali evidenza, u għall-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-integrità u l-kunfidenzjalità tat-trasferiment. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. **L-obbligu li tintuża s-sistema teknika li tippermetti l-iskambju awtomatizzat ta' evidenza għandu japplika mid-data stabbilita f'atti ta' implimentazzjoni rispettivi li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħha.**

(31a) Bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tas-sistema teknika għall-applikazzjoni transfruntiera tal-prinċipju ta' "darba biss", meta jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni għal din is-sistema teknika, il-Kummissjoni għandha tieħu kont debitu tal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla minn organizzazzjonijiet u korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej u internazzjonali [b'mod partikolari l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU)], f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13-18).

(32) Il-konformità mal-kriterji tal-kwalità għandha tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi li għalihom huma responsabbli. Il-koordinaturi nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom jissorveljaw il-konformità mal-kriterji tal-kwalità fil-livell nazzjonali u Ewropew rispettivament, u jindirizzaw kwalunkwe problema li titfaċċa. Dan ir-Regolament għandu jagħti lill-Kummissjoni firxa [...] ta' mezzi sabiex tindirizza kull deterjorament fil-kwalità tas-servizzi offruti mill-portal, skont is-serjetà u l-persistenza ta' dan id-deterjorament li tkun tinkludi l-involviment tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal. Dan ma għandux jippreġudika r-responsabbiltà ġenerali tal-Kummissjoni rigward il-monitoraġġ tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

(33) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika l-funzjonalitajiet ewlenin tal-għodod tekniċi li jappoġġjaw il-funzjonament tal-portal, b'mod partikolari l-interfaċċa komuni tal-utent, ir-repożitorju [...] **għal-**links u l-faċilità ta' sejbien tas-servizzi ta' assistenza komuni. **L-interfaċċa komuni tal-utent għandha tiżgura li l-utenti jkunu jistgħu jsibu l-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi fuq is-siti web fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan li jipprovdu links għal sors uniku tal-informazzjoni meħtieġa għall-portal sabiex tiġi evitata konfużjoni fost l-utenti kaġun tad-diversi sorsi li jidduplikaw l-istess informazzjoni b'mod sħiħ jew parzjali. Dan ma għandux jimpedixxi links għall-istess informazzjoni offruta minn awtoritajiet kompetenti lokali jew reġjonali fir-rigward ta' żoni ġeografiċi differenti. Dan ma għandu lanqas jimpedixxi xi duplikazzjoni ta' informazzjoni fejn din tkun inevitabbli jew mixtieqa, pereżempju meta xi drittijiet, obbligi u regoli tal-UE jkunu ripetuti jew deskritti fuq il-paġni web nazzjonali biex titjieb il-faċilità tal-użu. Sabiex jitnaqqas l-intervent mill-bniedem fl-aġġornament tal-links li għandhom jintużaw mill-interfaċċa komuni tal-utent, meta jkun teknikament possibbli, għandha tiġi stabbilita konnessjoni diretta bejn is-sistemi tekniċi rilevanti tal-Istati Membri u r-repożitorju tal-links. L-għodod komuni ta' appoġġ tal-ICT jistgħu jużaw il-Vokabularju Bażiku tas-Servizzi Pubbliċi (CPSV) biex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà mal-katalgi u s-semantika tas-servizzi fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa biex jużaw il-Vokabularju Bażiku tas-Servizzi Pubbliċi (CPSV), iżda [...] jistgħu jiddeċiedu li jużaw soluzzjonijiet nazzjonali [...] . L-informazzjoni inkluża fir-repożitorju għandha ssir disponibbli għall-pubbliku f'format ta' data miftuħa u li tinqara minn magna, pereżempju minn interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs), biex tkun tista' tintuża mill-ġdid.**

(33a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' sistema teknika li tippermetti l-iskambju ta' evidenza, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex din **tispeċifika, fejn neċessarju, ir-rekwiżiti ta'** [...] **interoperabbiltà sabiex tiġi ffaċilitata l-ħeffa tas-sejbien tal-** informazzjoni **dwar ir-regoli u l-obbligazzjonijiet, dwar** proċeduri u **dwar** servizzi ta' assistenza [...] **u** ta' soluzzjoni tal-problemi taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni [...] . Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(33b) Dan ir-Regolament għandu wkoll jalloka b'mod ċar ir-responsabbiltà għall-iżvilupp, id-disponibbiltà, il-manutenzjoni u s-sigurtà ta' dawn l-għodod bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

(34) Sabiex jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tal-oqsma differenti ta' informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi li għandhom ikunu inklużi fil-portal, jenħtieġ li jittejjeb ħafna aktar l-għarfien tal-udjenzi fil-mira dwar l-eżistenza tagħhom. L-inklużjoni tagħhom fil-portal għandha tagħmilha ħafna aktar faċli għall-utenti li jsibu l-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi li jeħtieġu, anki meta ma jkunux familjari magħhom. Barra minn hekk, ser ikun meħtieġ sforz promozzjonali kkoordinat biex jiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji madwar l-Unjoni jsiru jafu bl-eżistenza tal-portal u l-vantaġġi li joffri**. L-attivitajiet ta' promozzjoni għandhom jinkludu tal-ottimizzazzjoni tal-magni tat-tiftix [...] u azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni online oħrajn, [...] billi dawn huma l-aktar kost-effettivi u għandhom il-potenzjal li jilħqu l-akbar udjenza destinatarja possibbli.** Għal effiċjenza massima, l-attivitajiet ta' promozzjoni għandhom ikunu kkoordinati fil-qafas tal-grupp ta' koordinazzjoni u l-Istati Membri għandhom jaġġustaw l-isforzi promozzjonali tagħhom sabiex ikun hemm referenza komuni għall-marka f'kull kuntest rilevanti, bil-possibbiltà li jirreklamaw il-portal diġitali uniku ma' inizjattivi nazzjonali.

(35) Sabiex tinkiseb informazzjoni adegwata għall-kejl **u t-titjib** tal-prestazzjoni tal-portal diġitali uniku, dan ir-Regolament [...] **għandu jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni jiġbru u janalizzaw id-data** relatata mal-użu tad-diversi oqsma ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi offruti mill-portal. **Il-ġbir ta' statistika, bħall-għadd ta' żjarat f'paġni web speċifiċi, l-għadd ta' utenti fi ħdan Stat Membru meta mqabbel ma' utenti minn Stati Membri oħra, it-termini użati għat-tiftix, il-paġni l-aktar miżjura, siti ta' riferiment, [...] jew l-għadd, l-oriġini u s-suġġett tat-talbiet għall-assistenza, għandu jtejjeb il-ħidma tal-portal billi jgħin fl-identifikazzjoni tal-[...] udjenza, fl-iżvilupp ta' attivitajiet ta' promozzjoni u fit-titjib tal-kwalità tas-servizzi offruti. Il-ġbir tad-data għandu jieħu kont tal-Valutazzjoni Komparattiva annwali tal-gvern elettroniku li tagħmel il-Kummissjoni sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni.**

[...][32] [...]

(36) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi regoli uniformi dwar il-metodu ta' [...] **ġbir** u skambju ta' statistika dwar **l-utent**. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

32 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14).

(37) Il-kwalità tal-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi disponibbli mill-portal għandha tkun immonitorjata **wkoll** [...] permezz ta' għodda għall-feedback mill-utenti li ser titlob lill-utenti jivvalutaw il-kopertura u l-kwalità tal-informazzjoni, il-proċedura jew is-servizz ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi li użaw. Dan il-feedback ser jinġabar f'għodda komuni li għaliha l-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-koordinaturi nazzjonali għandu jkollhom aċċess. Il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament b'konnessjoni mal-funzjonalitajiet **komuni** ta' [...] **għodod** għall-feedback mill-utenti u l-modi [...] **għal**l-ġbir u l-kondiviżjoni tal-feedback tal-utenti. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(38) Dan ir-Regolament għandu wkoll jippermetti lill-utenti jinnotifikaw, b'mod volontarju u anonimu, kwalunkwe problema u diffikultà li jiltaqgħu magħha waqt li jeżerċitaw id-drittijiet tas-suq intern tagħhom permezz ta' għodda għall-feedback dwar is-suq intern inkluża fil-portal. Din l-għodda għandha titqies biss bħala kumplimentari għall-mekkaniżmi ta' indirizzar tal-ilmenti peress li ma tistax toffri tweġibiet personalizzati lill-utenti. L-input li jidħol għandu jkun ikkombinat ma' informazzjoni **aggregata** mis-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi dwar il-każijiet li jkunu ttrattaw, sabiex tinħareġ ħarsa ġenerali fuq is-suq intern kif perċepit mill-utenti u sabiex jiġu identifikati oqsma ta' problemi għal azzjonijiet futuri possibbli biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern. **Din is-sinteżi ġenerali għandha tiġi marbuta mal-għodod ta' rapportar eżistenti bħat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.**

(38a) Id-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu min għandu jwettaq ir-rwol ta' koordinatur nazzjonali għandu jibqa' mhux affettwat minn dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jaddattaw funzjonijiet u responsabbiltajiet fir-rigward tal-portal għall-istrutturi amministrattivi interni tagħhom. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jaħtru koordinaturi nazzjonali addizzjonali biex iwettqu l-kompiti skont dan ir-Regolament waħidhom jew flimkien ma' oħrajn, għal diviżjoni tal-amministrazzjoni, reġjun ġeografiku, jew skont kriterju ieħor. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-koordinatur nazzjonali uniku li jkunu ħatru għal kuntatti mal-Kummissjoni.

(39) Għandu jitwaqqaf grupp ta' koordinazzjoni magħmul mill-koordinaturi nazzjonali u ppresedut mill-Kummissjoni bl-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, speċjalment bl-iskambju tal-aħjar prattiki u b'ħidma konġunta biex tittejjeb il-konsistenza tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni kif meħtieġ minn dan ir-Regolament. Il-ħidma tal-grupp għandha **tieħu kont** [...] tal-objettivi stipulati fil-programm ta' ħidma annwali**, li l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-grupp ta' koordinazzjoni għal konsiderazzjoni**. **Il-programm ta' ħidma annwali għandu jieħu l-forma ta' linji gwida jew rakkomandazzjonijiet mingħajr effett vinkolanti fuq l-Istati Membri.**

(39a) Dan ir-Regolament għandu jiċċara liema partijiet tal-portal għandhom jiġu ffinanzjati permezz tal-baġit tal-Unjoni u li huma r-responsabilità tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' elementi kostitwenti tal-ICT li jistgħu jintużaw mill-ġdid u finanzjament disponibbli permezz ta' diversi fondi u programmi fil-livell tal-Unjoni li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' adattamenti u żviluppi fl-ICT meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. Il-baġit meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali applikabbli. [...]

(39b) L-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw, jiskambjaw u jikkollaboraw aktar ma' xulxin biex iżidu l-kapaċitajiet strateġiċi, operazzjonali, ta' riċerka u żvilupp tagħhom fil-qasam taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni (NIS)[33] biex issaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-amministrazzjoni u s-servizzi pubbliċi tagħhom. [...] . L-Istati Membri huma mħeġġa jżidu s-sigurtà tat-transazzjonijiet u jiżguraw grad suffiċjenti ta' fiduċja fil-mezzi elettroniċi billi jużaw il-qafas eIDAS u b'mod partikolari livelli adegwati ta' assigurazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri skont il-liġi tal-Unjoni biex jissalvagwardjaw iċ-ċibersigurtà u jipprevjenu frodi tal-identità jew forom oħra ta' frodi.

(40) Meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, dawn għandhom jitwettqu skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari […][34] [...] [ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35]] u [r-Regolament il-ġdid li jissostitwixxi (KE) Nru 45/2001] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. **Kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ jew jintroduċu aktar kondizzjonijiet, inklużi limitazzjonijiet, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data dwar is-saħħa, u jistgħu jipprevedu regoli aktar speċifiċi dwar l-ipproċessar tad-data personali tal-impjegati fil-kuntest tal-impjiegi.**

---

33 **Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).**

34 [...]

35 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(40a) Dan ir-Regolament għandu jippromwovi u jiffaċilita s-simplifikazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza għas-servizzi koperti mill-portal. Għaldaqstant il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tirrevedi l-arranġamenti ta' governanza eżistenti u tadattahom fejn neċessarju, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u ineffiċjenzi.

(41) L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura li l-utenti li joperaw fi Stati Membri oħrajn ikollhom aċċess online għal informazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali komprensiva, affidabbli u li tinftiehem dwar id-drittijiet, ir-regoli u l-obbligi, għal proċeduri online li huma għal kollox tranżazzjonali bejn il-fruntieri u għal servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi. Peress li dan ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(42) Sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżviluppaw u jimplimentaw l-għodod meħtieġa għall-finijiet ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ.

(43) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jenħtieġ li jiġi implimentat b'konformità ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

(44) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu [28(2)] tar-Regolament [(KE) Nru 45/2001] [ir-Regolament il-ġdid dwar il-KEPD] u ppreżenta opinjoni fil-[id-data li għandha tiddaħħal].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament **jistabbilixxi regoli għal**:

(a) [...] l-istabbiliment u l-operat ta' portal diġitali uniku li jipprovdi liċ-ċittadini u lin-negozju aċċess faċli għal informazzjoni ta' kwalità għolja u **suffiċjentement** komprensiva, servizzi effettivi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u proċeduri effiċjenti rigward ir-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli għaċ-ċittadini u għan-negozji li jeżerċitaw jew għandhom il-ħsieb li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom mogħtija mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tas-suq intern, skont it-tifsira tal-Artikolu 26(2) TFUE;

(b) [...] l-użu ta' proċeduri minn utenti minn Stati Membri oħrajn u [...] **għall-** implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "darba biss";

(c) [...] jistabbilixxi r-regoli għar-rapportar dwar l-ostakli fis-suq intern ibbażat fuq il-ġbir ta' feedback mingħand l-utenti u statistika mingħand is-servizzi koperti mill-portal.

2. Meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikollhom kunflitt ma' dispożizzjoni ta' att ieħor tal-Unjoni li jirregola aspetti speċifiċi tal-materja tas-suġġett koperta b'dan ir-Regolament, id-dispożizzjoni tal-att l-ieħor tal-Unjoni għandha tipprevali.

3. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa s-sustanza tad-drittijiet mogħtija permezz ta' kwalunkwe proċedura stipulata fil-livell tal-Unjoni jew dak nazzjonali fi kwalunkwe qasam kopert minn dan ir-Regolament. Lanqas ma għandu jaffettwa l-miżuri meħuda skont il-liġi tal-Unjoni biex jiġu ssalvagwardjati ċ-ċibersigurtà u l-prevenzjoni tal-frodi.

Artikolu 2

Stabbiliment tal-portal diġitali uniku

1. Il-Kummissjoni u l-**Istati Membri** [...] għandhom jistabbilixxu portal diġitali uniku ("il-portal") skont dan ir-Regolament. Il-portal għandu jikkonsisti minn [...] portal uniku**, b'interfaċċa komuni tal-utent** ġestit mill-Kummissjoni ("l-interfaċċa komuni tal-utent") **li jipprovdi aċċess** [...] għal **paġni web** [...] nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti.

2. Il-portal għandu jipprovdi aċċess għal:

   (a) informazzjoni dwar id-drittijiet, l-obbligi u r-regoli stipulati fil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, li japplikaw għall-utenti li jeżerċitaw, jew għandhom il-ħsieb li jeżerċitaw, id-drittijiet mogħtija lilhom mil-liġi tal-Unjoni fil-qasam tas-suq intern fl-oqsma elenkati fl-Anness I;

   (b) informazzjoni dwar [...] proċeduri **online u offline u links għal proċeduri online** stabbiliti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali [...] sabiex wieħed jeżerċita [...] **d-** drittijiet u jkun konformi ma**l-** [...] obbligi u r-regoli **fil-qasam tas-suq intern fl-oqsma elenkati fl-Anness I, u inkluż il-proċeduri koperti mill-Anness II**;

   (c) informazzjoni dwar servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u links għalihom b'mod li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jirreferu għalihom bil-mistoqsijiet jew il-problemi relatati mad-drittijiet tagħhom, l-obbligi jew il-proċeduri msemmija fil-punti (a) u (b), elenkati fl-Anness III u msemmija fl-Artikolu 6.

3. L-interfaċċa komuni tal-utent [...] għandha tkun aċċessibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "utent" tfisser kull min huwa ċittadin tal-Unjoni, persuna fiżika residenti fi Stat Membru jew persuna ġuridika li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru, u li taċċessa l-informazzjoni, il-proċeduri jew is-servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi, imsemmija fl-Artikolu 2(2), permezz tal-portal;

(2) "proċedura" tfisser sekwenza ta' azzjonijiet li jridu jieħdu l-utenti sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti jew jiksbu deċiżjoni mingħand awtorità kompetenti sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a);

(3) "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe korp jew awtorità ta' Stat Membru stabbilita kemm f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali b'responsabbiltajiet speċifiċi relatati mal-informazzjoni, mal-proċeduri, mas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi koperti minn dan ir-Regolament;

(4) "evidenza" tfisser kwalunkwe dokument jew data, inkluża reġistrazzjoni ta' test jew ta' ħoss, viżiva jew awdjoviżiva, irrispettivament mill-mezz użat, **meħtieġa** [...] minn awtorità kompetenti sabiex turi fatti jew konformità ma' rekwiżiti għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 2(2)(b).

Kapitolu II
Servizzi tal-portal

Artikolu 4

Aċċess għall-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti jkollhom aċċess faċli u online għal dawn li ġejjin fuq il-paġni web nazzjonali tagħhom:

   (a) informazzjoni dwar id-drittijiet, l-obbligi u r-regoli msemmija fl-Artikolu 2(2)(a), li ġejjin mil-liġi nazzjonali;

   (b) informazzjoni dwar il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 2(2)(b), li huma stabbiliti fil-livell nazzjonali;

   (c) informazzjoni dwar is-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi, imsemmija fl-Artikolu 2(2)(c), li huma pprovduti fil-livell nazzjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-utenti jkollhom aċċess online faċli għal dawn li ġejjin fil-portal uniku msemmi fl-Artikolu 2(1):

   (a) informazzjoni dwar id-drittijiet, l-obbligi u r-regoli msemmija fl-Artikolu 2(2)(a), li ġejjin mid-dritt tal-Unjoni;

   (b) informazzjoni dwar il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 2(2)(b), li huma stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;

   (c) informazzjoni dwar is-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi, imsemmija fl-Artikolu 2(2)(c) li huma pprovduti fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 5

Aċċess għall-proċeduri

1. [...]

2. **Kull** Stat Membru[...] għandu jiżgura li l-utenti jistgħu **jaċċessaw u** jwettqu l-proċeduri elenkati fl-Anness II għalkollox online**, meta dawn il-proċeduri jkunu jeżistu fl-Istat Membru kkonċernat.**

2a. **Fejn ikun ġustifikat minn raġuni predominanti ta' interess pubbliku jew fejn l-objettiv li taħdem għalih proċedura, imsemmija fil-paragrafu 2, ma jkunx jista' jinkiseb b'mezzi kompletament online, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-utent jidher quddiem l-awtorità kompetenti għal passi proċedurali li għalihom hi meħtieġa l-preżenza fiżika. L-Istati Membri** [...] għandhom jiżguraw li l-passi l-oħra tal-proċedura jkunu jistgħu jitwettqu kompletament online.

2b. L-Istati Membri [...] għandhom [...] **jiddokumentaw** [...] **il-passi proċedurali li għalihom hija meħtieġa l-preżenza fiżika** [...] **msemmija fil-paragrafu 2a u fil-każijiet ta' twassil fiżiku msemmija fil-paragrafu 3(d) f'repożitorju komuni aċċessibbli għall-** [...]Kummissjoni **u l-Istati Membri l-oħra**.

3. Il-proċeduri, imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom jitqiesu bħala kompletament online meta l-identifikazzjoni, l-għoti ta' informazzjoni, l-evidenza [...], il-firma u s-sottomissjoni finali jistgħu jsiru

(a) b'mod elettroniku mill-bogħod**,** u

(b) permezz ta' kanal ta' [...] **servizz** [...] **li [...] jiggwida lill-utenti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha marbutin mal-proċedura b'mod li jkun faċli għall-utent [...] ,**

(c) **b'mod li jiżgura li jintbagħat messaġġ ta' għarfien awtomatiku tal-wasla, dment li l-eżitu tal-proċedura ma jingħatax minnufih,** u

(d) **fejn** [...] l-eżitu tal-proċedura jingħata wkoll elettronikament**, [...] jew fejn tkun neċessarja għall-finijiet ta' konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli [...] b'konsenja fiżika [...]**

4. **[...]**

[...]

5. [...].

6. [...] **D**an l-Artikolu **ma** għandu**x** iżomm lill-Istati Membri milli joffru lill-utenti l-possibbiltà addizzjonali li jaċċessaw u jwettqu l-proċeduri kif imsemmija fl-Artikolu 2(2)(b) b'mezzi oħrajn minbarra kanal online.

Artikolu 6

*Aċċess għal servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-**problemi***

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-utenti jkollhom aċċess faċli u online għas-servizzi ta' assistenza **u** [...] ta' soluzzjoni tal-problemi msemmija fl-Artikolu 2(2)(c).

2. Il-koordinatur nazzjonali u l-Kummissjoni jistgħu jipprovdu links għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi offruti mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni jew il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, minbarra dawk elenkati fl-Anness III, skont l-Artikolu 16(2) u (3) jekk dawn is-servizzi jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità stipulati fl-Artikoli 9 u 13.

3. Fejn meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti, il-koordinatur nazzjonali jista' jipproponi lill-Kummissjoni, li links għal servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi pprovduti minn entitajiet privati jew semiprivati jiġu inklużi fil-portal fejn is-servizzi ta**għhom** [...] jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) is-servizz joffri informazzjoni jew assistenza fl-oqsma u għall-finijiet koperti minn dan ir-regolament u jikkumplimenta servizzi diġà inklużi fil-portal;

   (b) is-servizz huwa offrut bla ħlas jew bi prezz li l-mikrointrapriżi jew iċ-ċittadini jifilħu jħallsu;

   (c) is-servizz jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 9 u 13.

4. Meta l-koordinatur nazzjonali jkun ippropona l-inklużjoni ta' link skont il-paragrafu 3, u jipprovdi din il-link skont l-Artikolu 16(3), il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet [...] fil-paragrafu **3** humiex issodisfati **mis-servizz li jkun ser jiġi inkluż permezz tal-link**, u jekk iva, għandha tattiva l-link.

Kapitolu III

Ir-rekwiżiti tal-kwalità

TAQSIMA 1

REKWIŻITI TAL-KWALITÀ RELATATI MAL-INFORMAZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET, L-OBBLIGI U R-REGOLI, DWAR IL-PROĊEDURI U DWAR IS-SERVIZZI TA' ASSISTENZA U TA' SOLUZZJONI TAL-PROBLEMI

Artikolu 7

Kwalità tal-informazzjoni dwar id-drittijiet, l-obbligi u r-regoli

1. **Fejn** [...] **l**[...]-**Istati Membri** u l-Kummissjoni [...] jkunu responsabbli **f'konformità mal-Artikolu 4** biex jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni [...] msemmija fl-Artikolu 2(2)(a), **huma għandhom jiżguraw** li **tali** informazzjoni **tkun ċara u faċli għall-utent, u** tikkonforma mar-rekwiżiti msemmijin hawn taħt:

   (a) hija [...] eżatta u **komprensiva biżżejjed biex** tkopri [...] informazzjoni li l-utenti jridu jkunu jafu sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom f'konformità sħiħa mar-regoli u l-obbligi applikabbli;

   (b) tinkludi referenzi, links għal atti legali, speċifikazzjonijiet tekniċi u linji gwida, fejn ikun rilevanti;

   (c) tinkludi l-isem tal-entità responsabbli mill-kontenut tal-informazzjoni;

   (d) tinkludi d-dettalji ta' kuntatt **ta'** kwalunkwe servizz ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u links għalihom;

(e) tinkludi d-data ta' pubblikazzjoni [...] **jew** l-aħħar aġġornament tal-informazzjoni;

(f) hija strutturata tajjeb u ppreżentata b'mod li l-utenti jistgħu jsibu malajr l-informazzjoni li jridu;

(g) tinżamm aġġornata;

(h) hija miktuba f'lingwaġġ ċar u sempliċi adattat għall-ħtiġijiet tal-utenti fil-mira.

2. L-**Istati Membri** [...] għandhom [...] **jagħmlu** l-informazzjoni **msemmija fil-paragrafu 1 aċċessibbli f'lingwa li tinftiehem b'mod ġenerali mill-akbar numru possibbli ta' utenti transfruntiera, skont l-Artikolu 9a.** [...]

Artikolu 8

Kwalità tal-informazzjoni dwar il-proċeduri

1. L-[...]**Istati Membri** u l-Kummissjoni għandhom, għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 4, jiżguraw li l-utenti jkollhom aċċess għal spjegazzjoni ċara u faċli għall-utent tal-elementi li ġejjin tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 2(2)(b)**, fejn applikabbli [...],** qabel ma jkollhom jidentifikaw lilhom infushom qabel it-tnedija tal-proċedura:

(a) il-passi [...] **bażiċi** tal-proċedura **li għandhom jittieħdu mill-utent**;

(b) il-mezzi aċċettati ta' awtentikazzjoni, identifikazzjoni u ffirmar għal din il-proċedura;

(c) it-tip u l-format ta' evidenza [...] li trid tiġi ppreżentata;

(d) il-mezzi ta' rimedju jew appell li huma **ġeneralment** disponibbli f'każ ta' tilwim mal-awtoritajiet kompetenti [...];

(e) [...] , il-miżati applikabbli u l-metodu ta' ħlas online;

(f) **[...]** kwalunkwe skadenza **jew arranġamenti ta' approvazzjoni taċita jew silenzju amministrattiv** applikabbli;

(fa) fejn ma jkun hemm ebda skadenza, iż-żmien medju, approssimattiv jew indikattiv li l-awtorità kompetenti teħtieġ biex tlesti l-proċedura;

(g) **kwalunkwe** [...] lingwa [...] **addizzjonali** li biha tista' titwettaq il-proċedura.

2. Meta l-ispjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun diġà disponibbli għall-utenti nazzjonali, tista' **tintuża jew** terġa' tintuża għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, diment li tkun tinkludi informazzjoni relatata mas-sitwazzjoni ta' utenti **transfruntiera** [...], fejn applikabbli.

3. L-**Istati Membri** [...] għandhom [...] **jagħmlu** l-ispjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 **aċċessibbli f'lingwa li tinftiehem b'mod ġenerali mill-akbar numru possibbli ta' utenti transfruntiera, skont l-Artikolu 9a.** [...]

Artikolu 9

Kwalità tal-informazzjoni dwar is-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi

1. Għall-finijiet ta’ konformità mal-Artikolu 4, l-[...]**Istati Membri** u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-utenti jkollhom aċċess għal spjegazzjoni ċara u faċli għall-utent ta’ dan li ġej qabel ma jressqu talba għal servizz kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(c):

   (a) it-tip, l-iskop u r-riżultati mistennija mis-servizz offrut;

   (b) l-isem u d-dettalji ta’ kuntatt tal-entitajiet responsabbli għas-servizz;

   (c) fejn rilevanti, il-miżati applikabbli u l-metodu ta’ ħlas online;

   (d) l-istima taż-żmien meħtieġa biex jitwassal is-servizz jew medja tal-ħin ta’ rispons;

   (e) [...] **kwalunkwe** lingwa **addizzjonali** [...] li tista’ ssir it-talba biha u li tista' tintuża f’kuntatti sussegwenti.

2. L-**Istati Membri** [...] għandhom [...] **jagħmlu** l-ispjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 **aċċessibbli f’lingwa li tinftiehem b’mod ġenerali mill-akbar numru possibbli ta’ utenti transfruntiera, skont l-Artikolu 9a.** [...]

Artikolu 9a

Traduzzjoni ta' informazzjoni

Fejn l-Istati Membri ma jipprovdux l-informazzjoni, l-ispjegazzjonijiet u l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 7, 8(1), [...] 9 u 11(1)(a) f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem b'mod ġenerali mill-akbar numru possibbli ta' utenti transfruntiera, huma għandhom jitolbu traduzzjonijiet f'dik il-lingwa, fil-limiti tal-baġit disponibbli kif imsemmi fl-Artikolu 28(1)c).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn it-traduzzjonijiet ikopru mill-inqas l-informazzjoni bażika fl-oqsma kollha elenkati fl-Anness I u, fejn ikun hemm baġit suffiċjenti disponibbli, kwalunkwe informazzjoni, spjegazzjoni u struzzjoni ulterjuri kif imsemmi fl-Artikoli 7, 8(1), [...] 9 u 11(1)(a), filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet l-aktar importanti tal-utenti transfruntiera. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-links għal dik l-informazzjoni tradotta lir-repożitorju għal links.

TAQSIMA 2

REKWIŻITI RELATATI MAL-PROĊEDURI ONLINE

[Artikolu 10

[...]

Artikolu 11

Aċċess transfruntier għal proċeduri online

0. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn proċedura, imsemmija fl-Artikolu 2(2)(b), stabbilita fil-livell nazzjonali, tista' tiġi aċċessata u mwettqa online mill-utenti ta' dak l-Istat Membru, din tista' tkun aċċessata u mwettqa wkoll mill-utenti ta' Stati Membri oħrajn b'mod nondiskriminatorju bl-istess soluzzjoni teknika jew waħda alternattiva**.

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li **għall-**[...]proċeduri **kif** imsemmija **fil-paragrafu 0** [...] , tal-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-utenti jkunu jistgħu jaċċessaw [...] struzzjonijiet biex titlesta l-proċedura [...] **f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem b'mod ġenerali mill-akbar numru possibbli ta' utenti transfruntiera, skont l-Artikolu 9a** [...] ;

(b) l-utenti jkunu [...] **jistgħu jippreżentaw l-informazzjoni meħtieġa, inkluż fejn l-istruttura ta' din l-informazzjoni tvarja minn informazzjoni simili fl-Istat Membru kkonċernat;**

(c) l-utenti jkunu jistgħu jidentifikaw **u jawtentikaw** lilhom infushom, jiffirmaw [...] **jew jissiġillaw dokumenti elettronikament,** [...] kif previst fir-Regolament (UE) 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **fil-każijiet kollha fejn dan ikun possibbli wkoll għall-utenti nazzjonali** [...] ;

(d) l-utenti jistgħu jipprovdu evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli f'format elettroniku **fil-każijiet kollha fejn dan ikun possibbli wkoll għall-utenti nazzjonali**;

(e) fejn it-tlestija ta' proċedura jeħtieġ pagament, l-utenti jkunu jistgħu jħallsu kwalunkwe miżata online permezz ta' servizzi ta' pagamenti transfruntiera [...] **disponibbli b'mod mifrux**[36].

[36] [...]

2. Meta **l-proċedura ma tkunx tirrikjedi l-identifikazzjoni jew l-awtentikazzjoni elettronika kif imsemmi fil-paragrafu 1(c) u meta** l-awtoritajiet kompetenti **jitħallew jaċċettaw, skont il-liġi jew il-prattiki amministrattivi nazzjonali applikabbli,** kopji diġitali ta' evidenza ta' identità li mhijiex elettronika bħal karti tal-identità jew passaporti għall-utenti nazzjonali, huma għandhom jaċċettaw dawn il-kopji diġitali **[...] ,** għal utenti minn Stati Membri oħrajn.

3. **Meta s-sistema teknika msemmija fl-Artikolu 12, jew sistemi oħrajn li jippermettu l-iskambju jew il-verifika ta' evidenza bejn l-Istati Membri ma jkunux disponibbli,** l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fejn meħtieġ sabiex jivverifikaw l-awtentiċità tal-evidenza ppreżentata lil [...] **awtorità kompetenti f'**format elettroniku mill-utent għall-fini ta' proċedura online. **[...][37] [...]**

37 **[...]**

Artikolu 12

*Skambju transfruntier**awtomatizzat** ta' evidenza [...] **(il-prinċipju "darba biss")***

0. Fejn l-awtoritajiet kompetenti joħorġu legalment, fl-Istat Membru tagħhom stess, evidenza f'format elettroniku li tippermetti skambju awtomatizzat [...] u li tkun rilevanti għall-proċeduri online elenkati fl-Anness II u l-proċeduri previsti fid-Direttivi 2005/36/KE, 2006/123/KE, 2014/24/UE u 2014/25/UE, huma għandhom jagħmlu din l-evidenza disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti rikjedenti minn Stati Membri oħrajn f'format elettroniku li jippermetti l-iskambju awtomatizzat.

1. Għall-finijiet tal-iskambju ta' evidenza għal**l-**proċeduri online **imsemmijin fil-paragrafu 0** [...] , għandha titwaqqaf mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, sistema teknika għall-iskambju elettroniku **awtomatizzat** ta' evidenza bejn [...] Stati Membri differenti ("is-sistema teknika").

2. Is-sistema teknika għandha [...] **b'mod partikolari**:

(a)tippermetti l-ipproċessar ta' talbiet biex tiġi **aċċessata jew** skambjata l-evidenza;

(b)tippermetti t-trażmissjoni ta' evidenza bejn **l-atturi li jitolbuha u dawk li joħorġuha** [...];

(c)tippermetti l-ipproċessar tal-evidenza mill-awtorità kompetenti [...] **rikjedenti**;

(d)tiżgura l-kunfidenzjalità u l-integrità tal-evidenza;

[...] **tippermetti l-possibbiltà lill-** [...] utent [...] li jara minn qabel l-evidenza li tkun ser **[...]** **tintuża mill-awtorità rikjedenti** [...]**;**

(ea)tiżgura livell [...] adegwat ta' interoperabbiltà ma' sistemi [...] rilevanti oħra;

(eb)tiżgura livell għoli ta' sigurtà għat-trażmissjoni u l-ipproċessar tal-evidenza.

2a. **Il-possibbiltà li tingħata ħarsa minn qabel lejn l-evidenza kif jissemma fil-punt (e) tal-paragrafu 2 ma hemmx għalfejn tiġi offruta għal proċeduri fejn l-iskambju awtomatizzat transkonfinali ta' data mingħajr din il-ħarsa minn qabel hu permess skont il-liġi tal-UE jew nazzjonali applikabbli. Din il-ħarsa minn qabel hija mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2016/679.**

3. L-Istati Membri għandhom jintegraw is-sistema teknika **operazzjonali kompletament** bħala parti mill-proċeduri msemmija fil-paragrafu [...] **0, mid-data stabbilita fl-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 7**.

4. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-proċeduri online imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitolbu evidenza direttament mingħand l-awtoritajiet kompetenti li joħorġu l-evidenza fi Stati Membri oħrajn, fuq talba espliċita tal-utent, permezz tas-sistema teknika. L-awtoritajiet **kompetenti** emittenti għandhom, **f'konformità mal-punt (d) tal-**[...]paragrafu 2 [...], jagħmlu din l-evidenza disponibbli permezz tal-istess sistema.

4a. **It-talba espliċita tal-utent imsemmija fil-paragrafu 4 ma hemmx għalfejn tiġi applikata għal proċeduri fejn l-iskambju awtomatizzat transfruntier ta' data mingħajr it-tali talba espliċita ikun permess skont il-liġi tal-UE jew dik nazzjonali applikabbli.**

5. [...]

6. L-evidenza magħmula disponibbli [...] **lill-awtorità kompetenti rikjedenti** għandha tkun [...] limitata għal dak li ġie mitlub u għandha tintuża biss [...] għall-fini tal-proċedura li għaliha ġiet skambjata l-evidenza. **Meta l-approvazzjoni tal-utent tkun meħtieġa għall-finijiet tal-protezzjoni tad-data, din għandha tinkiseb skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) Nru 45/2001.**

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu **35(2)** [...]

8. Il-paragrafi **0** [...] sa [...] **4** ma għandhomx japplikaw għall-proċeduri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li jipprovdu għal mekkaniżmi differenti għall-iskambju ta' evidenza, sakemm is-sistema teknika msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx integrata f'dawk il-proċeduri skont ir-regoli tal-atti tal-Unjoni li jistabbilixxuhom.

TAQSIMA 3

REKWIŻITI TA' KWALITÀ RELATATI MAS-SERVIZZI TA' ASSISTENZA U TA' SOLUZZJONI TAL-PROBLEMI

Artikolu 13

Rekwiżiti ta' kwalità relatati mas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi

L-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw**, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom,** li s-servizzi elenkati fl-Anness III u s-servizzi li ġew inklużi fil-portal skont l-Artikolu 6(2), (3) u (4) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kwalità li ġejjin:

[...]

[...] **meta** [...] l-iskadenzi **jiġu estiżi**, l-utenti jiġu informati minn qabel dwar ir-raġunijiet għal dan u **dwar** l-iskadenza ġdida [...] mogħtija;

(c) fejn l-għoti ta' servizz jeħtieġ pagament, l-utenti jistgħu jħallsu kwalunkwe miżata online permezz ta' servizz**i** ta' pagamenti transfruntieri [...] **disponibbli b'mod mifrux** [...].

TAQSIMA 4

MONITORAĠĠ TAL-KWALITÀ

Artikolu 14

Monitoraġġ tal-kwalità

1. Il-koordinaturi nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom**, fi ħdan ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom,** jimmonitorjaw il-konformità tal-informazzjoni, tal-proċeduri u tas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi disponibbli fuq il-portal [...], mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 11 u 13. Il-monitoraġġ għandu jsir fuq il-bażi tad-data miġbura skont l-Artikol**i 21 u** 22.

2. F'każ ta' [...] deterjorament fil-kwalità tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1, ipprovduti mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe waħda mill-miżuri li ġejjin wara li tikkunsidra s-serjetà u l-persistenza tad-deterjorament:

   (a) tinforma lill-koordinatur nazzjonali rilevanti **u titlob** [...] azzjoni ta' rimedju;

   (b) **tagħti bidu għal skambju ta' fehmiet dwar l-aħjar prattiki għat-titjib tal-kwalità** [...] **fil-**[...]grupp ta' koordinazzjoni;

   (c) tibgħat ittra bir-rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru;

   (d) taqta' temporanjament il-konnessjoni tal-informazzjoni, tal-proċedura, tas-servizz ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi mill-portal.

3. Fejn servizz ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi li għalih hemm ipprovduti links skont l-Artikolu 6 [...] **(3)** b'mod konsistenti ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikol**i 9 u** 13, jew ma jibqax jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti kif indikat mid-data miġbura skont l-Artikol**i 21 u** 22, il-Kummissjoni tista' taqta' l-konnessjoni tiegħu mill-portal**, wara konsultazzjoni mal-koordinatur nazzjonali rilevanti u, fejn meħtieġ, mal-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal.**

Kapitolu IV
Soluzzjonijiet tekniċi

Artikolu 15

Interfaċċa komuni tal-utent

1. Il-Kummissjoni għandha**, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri,** tipprovdi interfaċċa komuni tal-utent sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-portal.

2. L-interfaċċa komuni tal-utent għandha tagħti aċċess għall-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi permezz ta' links għas-siti web **jew paġni web** fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, **inkluż** [...] fir-repożitorju msemmi fl-Artikolu 16.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, waqt li jaġixxu skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, kif stipulat skont l-Artikolu 4, għandhom jiżguraw li l-informazzjoni **dwar ir-regoli u l-obbligi**, **dwar** il-proċeduri u **dwar** is-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi **tkun** [...] organizzata [...] u mmarkata b'mod li jtejjeb il-faċilità tas-sejbien **tagħha** permezz tal-interfaċċa **komuni** tal-utent.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu **rekwiżiti ta' interoperabbiltà biex tittejjeb il-faċiltà tas-sejbien** [...] tal-informazzjoni **dwar ir-regoli u l-obbligi**, **dwar** il-proċeduri u **dwar** is-servizzi ta' assistenza **u** [...] ta' soluzzjoni tal-problemi **permezz** [...] tal-interfaċċa komuni tal-utent. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).

Artikolu 16

*Repożitorju [...] **għal-**links*

1. Il-Kummissjoni għandha**, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri,** tistabbilixxi u żżomm repożitorju elettroniku għal links għall-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi msemmija fl-Artikolu 2(2) li jippermetti l-konnessjoni bejn dawn is-servizzi u l-interfaċċa komuni tal-utent [...] .

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-links għall-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi aċċessibbli fuq il-paġni web ġestiti fil-livell tal-Unjoni, u l-aġġornamenti sussegwenti tagħhom kollha, [...] **fir-**repożitorju [...] **għal-**links.

3. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jipprovdu l-links għall-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi aċċessibbli fuq il-paġni web ġestiti mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-entitajiet privati jew semiprivati kif imsemmi fl-Artikolu 6(3), u l-aġġornamenti sussegwenti tagħhom kollha, [...] **fir-**repożitorju [...] **għal-**links.

   Meta jipprovdu l-links għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi, il-koordinaturi nazzjonali għandhom jindikaw liema servizzi huma pprovduti minn dawk l-entitajiet privati jew semiprivati kif imsemmi fl-Artikolu 6(3).

3a. Meta jkun teknikament possibbli, l-għoti tal-links imsemmijin fil-paragrafu 3 jista' jsir awtomatikament bejn is-sistemi tekniċi rilevanti tal-Istati Membri u r-repożitorju għal-links.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed il-links imdaħħla fir-repożitorju għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

5. Il-Kummissjoni u l-koordinaturi nazzjonali għandhom jiżguraw li l-**links għall-**informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi offruti permezz tal-portal ma jinkludux duplikazzjoni sħiħa jew parzjali bla bżonn li aktarx tfixkel lill-utenti.

6. Meta d-disponibbiltà tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tkun ipprovduta minn [...] **dispożizzjonijiet** oħrajn tal-**liġi** [...] tal-Unjoni, il-koordinaturi nazzjonali u l-Kummissjoni jistgħu jipprovdu links għal dik l-informazzjoni sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

Artikolu 17

Faċilità ta' sejbien komuni għas-servizzi ta' assistenza

1. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi elenkati fl-Anness III u msemmija fl-Artikolu 6(2) u (3), l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-utenti jistgħu jaċċessawhom permezz tal-faċilità tas-sejbien tas-servizz ta' assistenza komuni u ta' soluzzjoni tal-problemi ("il-faċilità tas-sejbien tas-servizz tal-assistenza komuni") disponibbli permezz tal-portal.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tiġġestixxi l-faċilità ta' sejbien komuni ta' servizzi ta' assistenza, u tiddeċiedi fuq l-istruttura u l-format li bihom għandhom jingħataw id-deskrizzjonijiet u d-dettalji ta' kuntatt tas-servizzi ta' assistenza u soluzzjoni ta' problemi, sabiex il-faċilità ta' sejbien komuni għas-servizzi ta' assistenza tkun tista' taħdem kif xieraq.

3. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni d-deskrizzjonijiet u d-dettalji ta' kuntatt kif imsemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 18

*Responsabbiltajiet għall-applikazzjonijiet tal-I**C**T li jappoġġaw lill-portal*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, id-disponibbiltà, il-manutenzjoni, is-sigurtà u l-ospitar ta' dawn l-applikazzjonijiet tal-I**C**T u paġni tal-web li ġejjin:

   (a) il-portal uniku msemmi fl-Artikolu 2(1);

   (b) l-interfaċċa komuni tal-utent imsemmija fl-Artikolu 15(1), **inkluż il-magna tat-tiftix jew kwalunkwe għodda oħra tal-ICT li tippermetti t-tiftix tal-informazzjoni u s-servizzi tal-web**;

   (c) ir-repożitorju **għal**[...]-links imsemmi fl-Artikolu 16(1);

   (d) il-faċilità ta' sejbien komuni tas-servizzi ta' assistenza msemmija fl-Artikolu 17;

   (e) l-għodod ta' feedback mingħand l-utent imsemmija fl-Artikoli 22(1) u 23(1)(a).

   Il-Kummissjoni għandha taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex jiġu żviluppati l-applikazzjonijiet tal-ICT.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-iżvilupp, id-disponibbiltà, il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-applikazzjonijiet tal-I**C**T relatati mal-paġni web li qegħdin imexxu u li huma konnessi mal-interfaċċa komuni tal-utent.

Kapitolu V

Promozzjoni

Artikolu 19

Isem u tikketta tal-kwalità

1. L-isem u l-logo li l-portal għandu jkun magħruf bihom u rreklamat mal-pubbliku inġenerali [...] **għandhom** [...] jiġu deċiżi mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal, sa mhux aktar tard minn **sitt xhur wara** d-data tad-**dħul fis-seħħ** [...] ta' dan ir-**R**[...]egolament.

2. **Bħala prova ta' aderenza mar-rekwiżiti tal-kwalità msemmija fil-Kapitolu III, l-[...]**isem **u l-logo** tal-portal **għandhom** iservu wkoll [...] bħala tikketta tal-kwalità li tista' tintuża biss f'dak is-sens minn siti web ta' informazzjoni u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi inklużi fir-repożitorju msemmi fl-Artikolu 16 [...]

Artikolu 20

Promozzjoni

1. L-**Istati Membri** [...] u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-għarfien u l-użu tal-portal fost iċ-ċittadini u n-negozji u għandhom jiżguraw **faċilità tas-sejbien** [...] u l-viżibbiltà tal-portal u tas-servizzi tiegħu permezz ta' magni tat-tiftix aċċessibbli għall-pubbliku.

2. L-**Istati Membri** [...] u l-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' promozzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jirreferu għall-portal **u jużaw** [...] il-logo tiegħu [...] f'attivitajiet bħal dawn flimkien ma' kwalunkwe isem ta' marka oħra kif xieraq.

3. L-**Istati Membri** [...] u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-portal jista' jinstab faċilment mis-**siti web** [...] relatati li għalihom huma responsabbli **inkluż billi jippruvdu** [...] links ċari għall-portal [...].

4. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jippromwovu l-portal fost l-awtoritajiet nazzjonali.

Kapitolu VI

Ġbir ta’ feedback u ta’ statistika mingħand l-utenti

Artikolu 21

Statistika dwar l-utenti

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li tinġabar statistika relatata maż-żjarat tal-utenti fuq il-portal u l-paġni web li magħhom huwa marbut il-portal sabiex il-portal jiffunzjona aħjar.

2. L-awtoritajiet kompetenti, **il-forniturі ta’ servizzi ta’ assistenza kif imsemmija fl-Artikolu 6(3)** u l-Kummissjoni għandhom **jiġbru** [...] u jiskambjaw, b’mod aggregat, in-numri, l-oriġini u s-suġġett tat-talbiet għas-servizzi ta’ assistenza u ta’ soluzzjoni tal-problemi u l-ħinijiet ta’ rispons tagħhom.

2a. L-istatistika miġbura skont il-paragrafi 1 u 2, b’rabta mal-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta’ assistenza u ta’ soluzzjoni ta’ problemi li magħhom huwa konness il-portal [...] tinkludi l-kategoriji ta’ data li ġejjin [...] :

(a) data marbuta man-numru, l-oriġini u t-tip ta’ utenti tal-portal [...]

(b) data marbuta mal-preferenzi tal-utenti u l-vjaġġi tal-utenti [...];

(c) data marbuta mal-faċilità ta’ użu, sejbien u [...] mal-kwalità tal-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta’ assistenza u soluzzjoni ta' problemi.

3. [...] .

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-metodu ta' **ġbir** [...] u skambju ta' statistika **dwar l-utenti** [...] **msemmija f'paragrafi 1, 2 u 2a**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).

Artikolu 22

Feedback mingħand l-utenti dwar is-servizzi tal-portal

1. Sabiex tiġbor informazzjoni diretta mingħand l-utenti dwar is-sodisfazzjon tagħhom bis-servizzi pprovduti fil-portal, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-utenti għodda faċli għall-utent fuq il-portal li tippermettilhom **jevalwaw** [...] b'mod anonimu, [...] wara li jużaw kwalunkwe wieħed mis-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(2), [...] **il-**kwalità u d-disponibbiltà tas-servizzi pprovduti fuq il-portal u tal-interfaċċa komuni tal-utent.

2. L-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom **jagħtu lill-utenti aċċess** [...] għal din l-għodda fuq il-paġni web kollha li huma parti mill-portal. [...]

3. Il-Kummissjoni, **l-awtoritajiet kompetenti** u l-koordinaturi nazzjonali għandu jkollhom aċċess dirett għall-feedback tal-utenti miġbur permezz ta' din l-għodda sabiex jindirizzaw**, fejn xieraq,** kwalunkwe problema mqajma.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti mhumiex meħtieġa **jagħtu lill-utenti fuq il-paġni web tagħhom aċċess għal**[...]l-għodda tal-feedback mingħand l-utent imsemmija fil-paragrafu 1**,** [...] fejn **għodda** għall-feedback mingħand l-utent [...] **b'**funzjonalitajiet simili [...] **diġà** hija disponibbli fuq [...] il-paġni web **tagħhom** sabiex tiġi mmonitorjata l-kwalità tas-servizz. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-feedback tal-utenti riċevuti permezz tal-għodda għall-feedback tal-utenti **tagħhom stess** u għandhom jaqsmuh mal-Kummissjoni u l-koordinaturi nazzjonali tal-Istati Membri l-oħrajn.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li tistabbilixxi regoli għall-ġbir u l-qsim tal-feedback tal-utenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).

Artikolu 23

Rapportar dwar il-funzjonament tas-suq intern

1. Il-Kummissjoni għandha:

(a)tipprovdi lill-utenti tal-portal b'għodda faċli għall-utent sabiex jinnotifikaw b'mod anonimu l-ostakli li huma jiltaqgħu magħhom waqt li jkunu qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet tas-suq intern tagħhom;

(b)tiġbor informazzjoni **aggregata** mingħand is-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi dwar is-suġġett tat-talbiet u r-rispons.

1a. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-koordinaturi nazzjonali għandu jkollhom aċċess dirett għall-feedback miġbur skont il-paragrafu 1(a).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'forma anonima sinteżi ġenerali online tal-problemi kif joħorġu mill-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom janalizzaw u jinvestigaw il-problemi mqajma u jindirizzawhom kull fejn ikun possibbli, bil-mezzi xierqa.

Kapitolu VII
Governanza tal-portal

Artikolu 24

Koordinaturi nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar koordinatur nazzjonali**[...]**. Minbarra li jissodisfaw l-obbligi tagħhom [...] skont l-Artikoli 6, 14, 16, 17, 20 u 22, il-koordinaturi nazzjonali għandhom:

   (a) jaġixxu bħala [...] punt ta' kuntatt **fi ħdan l-amministrazzjoni tagħhom** għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-portal;

   (b) [...]

   (c) jippromwovu l-applikazzjoni uniformi tal-Artikoli 7 sa 13 fi ħdan l-awtoritajiet **kompetenti** [...];

   (d) jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(2)(c) **jitqiesu** [...], **sakemm ikun fil-kontroll tagħhom**.

1a. Barra minn hekk, kull Stat Membru jista' jaħtar koordinatur wieħed jew aktar sabiex iwettqu kwalunkwe kompitu elenkat fil-paragrafu 1, skont l-istruttura amministrattiva interna tiegħu. Koordinatur nazzjonali wieħed għal kull Stat Membru għandu jkun responsabbli mill-kuntatti mal-Kummissjoni għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-portal.

2. **L-**[...]Istati Membr**i** għandhom jinformaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bl-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-koordinatur**i** nazzjonali **tagħhom** [...].

Artikolu 25

Grupp ta' koordinazzjoni

Għandu jiġi stabbilit grupp ta' koordinazzjoni ("il-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal"). Għandu jkun magħmul minn [...] koordinatur nazzjonali **wieħed** [...] **għal kull Stat Membru** u għandu jkun presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat.

Artikolu 26

Kompiti tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal

1. Il-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-portal. B'mod partikolari, għandu:

   (a) jiffaċilita l-iskambju u l-aġġornament regolari tal-aqwa prattika;

   (b) jiddiskuti titjib fil-preżentazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma elenkati fl-Anness I;

   (ba) jgħin lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tas-soluzzjonijiet [...] komuni tal-ICT li jappoġġaw il-portal;

   (c) jiddiskuti l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali;

   (d) jgħin lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tat-twettiq tal-programm ta' ħidma annwali;

   (e) jgħin lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 11 u 13;

(f) jinforma dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2);

(g) [...] **jiddiskuti modi kif** tiġi evitata [...] jew eliminat**a** [...] duplikazzjoni mhux meħtieġa tas-servizzi disponibbli permezz tal-portal;

(h) [...] **jiddiskuti** proċeduri jew miżuri organizzattivi biex jindirizza b'mod effiċjenti kwalunkwe problema bil-kwalità tas-servizzi mqajma mill-utenti jew suġġeriment għat-titjib tagħha;

(i) jiddiskuti kwistjonijiet relatati mar-rekwiżiti tal-kwalità tas-servizzi offruti permezz tal-portal;

(j) jgħin lill-Kummissjoni fl-organizzazzjoni, l-istruttura u l-preżentazzjoni tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(2), fuq l-interfaċċa komuni tal-utent;

(k) jiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-promozzjoni koordinata;

(l) jikkoopera mal-korpi ta' governanza ta' informazzjoni, servizzi jew netwerks ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi.

2. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-grupp ta' koordinazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 27

Programm ta' ħidma annwali

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma annwali li b'mod partikolari għandu jispeċifika:

   (a) azzjonijiet għall-[...]**<u>faċilitazzjoni</u>** tal-preżentazzjoni speċifika tal-informazzjoni fl-oqsma elenkati fl-Anness I;

   (b) azzjonijiet [...] biex [...] **<u>jiffaċilitaw</u>** il-konformità mal-Artikoli 5 u 11;

   (c) azzjonijiet [...] biex [...] **<u>jiffaċilitaw</u>** il-konformità konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 10;

   (d) attivitajiet relatati mal-promozzjoni tal-portal f'konformità mal-Artikolu 20.

2. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali, il-Kummissjoni għandha tqis **<u>l-istatistika u</u>** l-feedback tal-utenti miġbura skont l-Artikol**<u>i 21 u</u>** 22**<u>u ta' kull suġġeriment magħmul minn Stati Membri</u>**. Qabel ma tadottah, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali lill-grupp ta' koordinazzjoni għad-diskussjoni.

Kapitolu VIII
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 28

Spejjeż

1. Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandu jkopri l-ispejjeż ta':

   (a) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tal-I**C**T li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-livell tal-Unjoni;

   (b) il-promozzjoni tal-portal fil-livell tal-Unjoni;

   (c) it-traduzzjoni **ta' informazzjoni, spjegazzjonijiet u struzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 9a f'** volum **annwali** massimu għal kull Stat Membru**, mingħajr preġudizzju għal riallokazzjoni possibbli fejn tkun neċessarja sabiex ikun permess użu sħiħ tal-baġit disponibbli.** [...]

2. L-ispejjeż relatati mal-portali web nazzjonali, mal-pjattaformi tal-informazzjoni, servizzi ta' assistenza u proċeduri stabbiliti fil-livell tal-Istat Membru għandhom jitħallsu mill-baġits rispettivi tal-Istati Membri, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 29

Protezzjoni tad-data personali

L-ipproċessar ta' data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti **għandu jkun konformi** [...] mar-[...][Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]. L-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 00/0000 [Regolament ġdid li jieħu post ir-Regolament 45/2001].

Artikolu 30

Kooperazzjoni ma' netwerks oħrajn ta' informazzjoni u assistenza

1. **Wara li tikkonsulta mal-Istati Membri, i**[...]l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi liema arranġamenti ta' governanza informali li jeżistu għal kwalunkwe wieħed mis-servizzi ta' assistenza jew ta' soluzzjoni tal-problemi elenkati fl-Anness III jew għal kwalunkwe wieħed mill-oqsma ta' informazzjoni koperti mill-Anness I, għandhom ikunu integrati fil-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal.

2. Fejn is-servizzi jew in-netwerks ta' informazzjoni u ta' assistenza nħolqu permezz ta' att **legalment** vinkolanti tal-Unjoni għal kwalunkwe qasam ta' informazzjoni kopert mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-ħidma tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-portal u tal-korpi ta' governanza ta' dawn is-servizzi jew netwerks bl-għan li tikseb sinerġiji u tevita d-duplikazzjoni.

Artikolu 31

[...]

[...]

Artikolu 32

Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

1. Is-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 għandha tintuża għall-finijiet ta’ **u f’konformità mal-**Artikol**i 5(4a) u** 11**(3)** [...]

2. Il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li tuża l-IMI bħala repożitorju elettroniku **għal** [...] links kif stipulat fl-Artikolu 16(1).

Artikolu 33

Rapportar u rieżami

Sa erba’ snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament u darba kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' valutazzjoni dwar il-funzjonament tal-portal u dwar il-funzjonament tas-suq intern fuq il-bażi tal-istatistika u l-feedback miġbur skont l-Artikoli 21, 22 u 23. Ir-rieżami ser jevalwa, b’mod partikolari, il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 12 ta’ dan ir-Regolament waqt li jikkunsidra l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali li jirrigwardaw l-iskambju tal-evidenza bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 34

[...]

Artikolu 35

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 36

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 huwa emendat kif ġej:

(1)L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 1

Suġġett

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-użu ta' Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") għall-kooperazzjoni amministrattiva, inkluż l-ipproċessar ta' data personali, fost [...]

(a) [...]

(b) [...]

(c) l-awtoritajiet kompetenti [...], **il-koordinaturi tal-IMI,** il-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni **("l-atturi tal-IMI").**

(2)L-Artikolu 3(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘1. L-IMI għandha tintuża għall-iskambji ta’ informazzjoni, inkluż ta’ data personali, fost l-atturi tal-IMI u għall-ipproċessar ta’ dik l-informazzjoni għall-finijiet ta’ kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa skont l-atti elenkati fl-Anness;

(b) kooperazzjoni amministrattiva soġġetta għal proġett pilota mwettaq skont l-Artikolu 4."

(3)it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘(a) “IMI” tfisser l-istrument elettroniku pprovdut mill-Kummissjoni biex jiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva [...] **bejn l-atturi tal-IMI** [...];

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘(b) "kooperazzjoni amministrattiva" tfisser il-kollaborazzjoni bejn l-atturi tal-IMI bl-iskambju u bl-ipproċessar ta’ informazzjoni għall-fini ta’ applikazzjoni aqwa tal-liġi tal-Unjoni.";

(c) il-punt (g) huwa mħassar.

(4) Fl-Artikolu 8(1) jiżdied il-punt li ġej:

(f) "tiżgura l-koordinazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u tagħtihom aċċess għall-IMI";

(5) L-Artikolu 9(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘4. Għandhom jiġu implimentati mezzi adatti mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u minn korpi, uffiċċji u aġenziji [...] tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-utenti tal-IMI jkunu permessi jaċċessaw data personali pproċessata fl-IMI biss fuq il-bażi tal-ħtieġa- tal--għarfien u fil-qasam jew l-oqsma tas-suq intern li għalihom ingħataw id-drittijiet ta’ aċċess skont il-paragrafu 3."

(6) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

‘2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ u jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament jiġu applikati meta l-Kummissjoni jew korpi, uffiċċji u aġenziji [...] tal-Unjoni, fir-rwol tagħhom bħala atturi tal-IMI, jipproċessaw data personali. Id-dmirijiet u s-setgħat imsemmija fl-Artikoli 58 u 59 tar-[Regolament (UE) Nru XX/201Y] għandhom japplikaw kif meħtieġ".

(b) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

‘3. L-Awtoritajiet ta’ Sorveljanza Nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, kull wieħed jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, għandhom jikkooperaw flimkien sabiex jiżguraw kontroll ikkoordinat tal-IMI u l-użu tagħha mill-atturi tal-IMI skont l-Artikolu 62 tar-[Regolament (UE) Nru XX/201Y] ’.

(c) il-paragrafu 4 huwa mħassar.

(7) L-Artikolu 29(1) huwa mħassar.

(8) Fl-Anness, **jiżdiedu** l-punt**i** 12 **u 13** li ġejjin [...]:

['**12. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data): l-Artikolu 56 u l-Artikoli 60-66**]

' [...] **13**. [Ir-Regolament (UE) XX/201Y] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku għall-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012: **Artikolu 5(4a)** [...] 11 [...] **(3)**[...] ,
u 16.'

Artikolu 37

Dħul fis-seħħ

[...] 1. [...] Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[...] 2. [...] L-Artikolu 2, l-Artikolu **[...]** 4**, l-Artikoli 6** sa **9 [...]**, l-Artikolu 13, l-Artikolu 14, l-Artikolu 15(1) sa (3), l-Artikolu 16, l-Artikolu 17, l-Artikolu 21(1) u (2), l-Artikolu 22(1) sa (4) u l-Artikolu 23 għandhom japplikaw minn**...**[sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

[...] 3. [...] L-obbligu li jintalbu traduzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 9a [...] għandu japplika minn ... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

[...] 4. [...] L-Artikolu 5, l-Artikolu 11 [...] u l-Artikolu 12(1) sa (6) u (8) għandhom japplikaw [...] minn ... [[...] ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

5. Minkejja d-data ta' applikazzjoni għall-Artikoli 2, 7, 8 u 9[...], l-awtoritajiet lokali għandhom jagħmlu l-informazzjoni, l-ispjegazzjonijiet u l-istruzzjonijiet msemmija f'dawn l-Artikoli disponibbli sa mhux aktar tard minn ... [[...] ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament EwropewGħall-Kunsill
Il-PresidentIl-President

ANNESSI

għall-

PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012

ANNESS I
Lista ta' oqsma ta' informazzjoni li huma rilevanti għaċ-ċittadini u għan-negozji li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tas-Suq Uniku msemmija fl-Artikolu 2(2)(a)

Oqsma ta' informazzjoni relatati maċ-ċittadini:

Qasam	**INFORMAZZJONI LI TIRRIGWARDA D-DRITTIJIET, L-OBBLIGI U R-REGOLI li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali**
L-ivvjaġġar fl-Unjoni	• Dokumenti meħtieġa miċ-ċittadini tal-Unjoni, mill-membri tal-familja tagħhom li mhumiex ċittadini tal-Unjoni, mill-minuri li jivvjaġġaw waħedhom, ċittadini li mhumiex tal-Unjoni meta jivvjaġġaw bejn il-fruntieri fl-Unjoni (karta tal-identità, viża, passaport) • id-drittijiet u l-obbligi ta' dawk li jivvjaġġaw fl-Unjoni u lejn l-Unjoni bl-ajruplan, bil-ferrovija, bil-vapur u bix-xarabank, u ta' dawk li jixtru pakketti tal-ivvjaġġar jew arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta • l-assistenza f'każ ta' mobbiltà mnaqqsa waqt l-ivvjaġġar fl-Unjoni u waqt it-tluq mill-Unjoni • it-trasport ta' annimali, pjanti, alkoħol, tabakk, sigaretti u oġġetti oħrajn waqt l-ivvjaġġar fl-Unjoni • it-telefonati bil-vuċi u l-bgħit u r-riċezzjoni ta' messaġġi elettroniċi u ta' data elettronika fl-Unjoni

Ix-xogħol u l-irtirar fl-Unjoni	• it-tiftix ta' impjieg fi Stat Membru ieħor • il-bidu ta' impjieg fi Stat Membru ieħor • ir-rikonoxximent tal-kwalifiki biex wieħed jaħdem fi Stat Membru ieħor • it-tassazzjoni fi Stat Membru ieħor • it-termini tal-impjieg **stipulati bil-liġi jew permezz ta' strument statutorju** (inkluż is-sigħat tax-xogħol, il-liv imħallas, l-intitolamenti għall-btajjel, id-drittijiet u l-obbligi rigward is-sahra, il-kontrolli tas-saħħa, it-terminazzjoni tal-kuntratti, it-tkeċċija u s-sensji) • it-trattament indaqs (regoli kontra d-diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, paga indaqs għan-nisa u l-irġiel, paga indaqs għall-impjegati b'kuntratt fiss / b'kuntratti ta' impjieg permanenti) • l-obbligi tas-saħħa u tas-sigurtà b'rabta ma' tipi differenti ta' attività • id-drittijiet u l-obbligi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni inklużi dawk relatati mat-teħid ta' pensjonijiet
Il-vetturi fl-Unjoni	• it-teħid ta' vettura bil-mutur fuq bażi temporanja jew permanenti fi Stat Membru ieħor • l-akkwist u t-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan • ix-xiri ta' assigurazzjoni tal-vetturi obbligatorja • ix-xiri u l-bejgħ ta' vettura bil-mutur fi Stat Membru ieħor • [...] • regoli dwar it-traffiku nazzjonali u r-rekwiżiti għas-sewwieqa
Ir-residenza fi Stat Membru ieħor	• iċ-ċaqliq temporanju jew permanenti lejn Stat Membru ieħor • il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew • ir-rekwiżiti għall-karti ta' residenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-membri tal-familja tagħhom, inklużi l-membri tal-familja li mhumiex ċittadini tal-Unjoni

L-edukazzjoni jew it-taħriġ fi Stat Membru ieħor	• l-attendenza ta' skola fi Stat Membru ieħor • l-attendenza ta' università fi Stat Membru ieħor • il-volontarjat fi Stat Membru ieħor • it-taħriġ fi Stat Membru ieħor • ir-riċerka fi Stat Membru ieħor bħala parti minn programm edukattiv
Il-kura tas-saħħa	• it-trattament mediku fi Stat Membru ieħor • ix-xiri online jew fiżiku ta' prodotti farmaċewtiċi bir-riċetta fi Stat Membru differenti minn dak fejn tkun inħarġet ir-riċetta
Id-drittijiet, l-obbligi u r-regoli transfruntiera tal-familja	• it-twelid, il-kustodja għall-minuri, ir-responsabbiltajiet tal-ġenituri, l-obbligi ta' manteniment b'konnessjoni mat-tfal f'sitwazzjoni ta' familja transfruntiera • il-ħajja f'koppja ta' nazzjonalitajiet differenti (iż-żwieġ, is-separazzjoni, id-divorzju, id-drittijiet tal-proprjetà matrimonjali, id-drittijiet tal-koabitanti) • id-drittijiet b'rabta mas-suċċessjoni fi Stat Membru ieħor
Drittijiet tal-konsumatur [...]	• ix-xiri online u fiżiku ta' oġġetti u servizzi (inklużi finanzjarji) minn Stat Membru ieħor • il-pussess ta' kont tal-bank fi Stat Membru ieħor • il-konnessjoni mal-utilitajiet, bħall-gass, l-elettriku, l-ilma, it-telekom u l-internet • il-pagamenti, inklużi t-trasferimenti ta' kreditu, id-dewmien fil-pagamenti transfruntiera • id-drittijiet tal-konsumatur u l-garanziji relatati max-xiri ta' oġġetti u servizzi • **is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur** • **il-kiri ta' vettura bil-mutur**

Oqsma ta’ informazzjoni marbuta man-negozji:

Qasam	**INFORMAZZJONI RIGWARD DRITTIJIET, OBBLIGI U REGOLI**
Il-bidu, it-tmexxija u l-għeluq ta’ negozju	• ir-reġistrazzjoni ta’ negozju (il-proċeduri ta’ reġistrazzjoni u l-formoli legali għat-twettiq ta’ negozju) • id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (l-applikazzjoni għal privattiva, ir-reġistrazzjoni ta’ trademark, ta’ tpinġija jew disinn, il-kisba ta’ liċenzja għar-riproduzzjoni) • il-korrettezza u t-trasparenza fil-prattiki kummerċjali, inklużi d-drittijiet tal-konsumatur u l-garanziji relatati mal-bejgħ ta’ oġġetti u servizzi • l-offerta’ ta’ faċilitajiet online għall-pagamenti transfruntiera meta wieħed ibiegħ oġġetti u servizzi online • id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi dwar il-kuntratti, inklużi l-imgħaxijiet fuq pagamenti tardivi • il-proċedimenti ta' insolvenza u l-likwidazzjoni tal-kumpaniji • l-assigurazzjoni tal-krediti • l-amalgamazzjoni tal-kumpaniji jew il-bejgħ ta’ negozju
Il-persunal	• it-termini tal-impjieg **stipulati bil-liġi jew permezz ta' strument statutorju** (inkluż is-sigħat tax-xogħol, il-liv imħallas, l-intitolamenti għall-btajjel, id-drittijiet u l-obbligi rigward is-sahra, il-kontrolli tas-saħħa, it-terminazzjoni tal-kuntratti, it-tkeċċijiet u s-sensji) • id-drittijiet u l-obbligi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni (ir-reġistrazzjoni bħala impjegatur, ir-reġistrazzjoni tal-impjegati, in-notifika ta’ tmiem ta’ kuntratt ta’ impjegat, il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet soċjali, id-drittijiet u l-obbligi relatati mal-pensjonijiet) • l-impjieg tal-ħaddiema fi Stati Membri oħrajn (il-kollokament tal-ħaddiema, ir-regoli dwar il-libertà tal-forniment ta’ servizzi, ir-rekwiżiti ta’ residenza għall-ħaddiema) • it-trattament indaqs (regoli kontra d-diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, paga indaqs għan-nisa u l-irġiel, paga indaqs għall-impjegati b'kuntratt fiss / b'kuntratti ta' impjieg permanenti) • ir-regoli dwar ir-rappreżentazzjoni tal-persunal

Taxxi	• VAT: informazzjoni dwar ir-regoli ġenerali, ir-rati u l-eżenzjonijiet, ir-reġistrazzjoni għall-VAT u l-ħlas tal-VAT, kif tikseb rifużjoni • dazji tas-sisa: informazzjoni dwar ir-regoli ġenerali, ir-rati u l-eżenzjonijiet • taxxi oħra: ħlas, rati
Oġġetti	• il-kisba ta' markar CE • l-identifikazzjoni ta' standards applikabbli, speċifikazzjonijiet tekniċi u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti • ir-rikonoxximent reċiproku ta' prodotti li mhumiex soġġetti għall-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni • ir-rekwiżiti rigward il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ għall-kimiċi perikoluż • il-bejgħ mill-bogħod/barra mill-post tan-negozju: l-informazzjoni li trid tingħata lill-klijenti minn qabel, il-konferma tal-kuntratt bil-miktub, l-irtirar minn kuntratt, il-konsenja tal-oġġetti, obbligi speċifiċi oħrajn • prodotti difettużi: id-drittijiet u l-garanziji tal-konsumatur, ir-responsabbiltajiet ta' wara l-bejgħ, il-mezzi ta' rimedju għal parti li ssofri dannu • iċ-ċertifikazzjoni, it-tikketti (EMAS, it-tikketti tal-enerġija, l-Ekodisinn, l-Ekotikketta tal-UE) • ir-riċiklaġġ u l-ġestjoni tal-iskart
Servizzi	• il-kisba ta' liċenzji, awtorizzazzjonijiet jew permessi għall-bidu ta' negozju • in-notifika lill-awtoritajiet dwar attivitajiet transfruntiera • ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali

Il-finanzjament tan-negozju	• l-aċċess għal finanzjament fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni u l-għotjiet għan-negozju • l-aċċess għal finanzjament fil-livell nazzjonali • inizjattivi indirizzati lill-imprendituri (skambji organizzati għall-imprendituri l-ġodda, programmi ta' mentoraġġ eċċ.)
Kuntratti pubbliċi	• Il-parteċipazzjoni f'sejħiet għall-offerti pubbliċi: regoli u proċeduri • il-preżentazzjoni ta' offerta online bi tweġiba għal sejħa għall-offerti pubblika • ir-rapportar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-proċess ta' sejħiet għall-offerti
Is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol	• L-obbligi ta' saħħa u sikurezza fir-rigward ta' tipi differenti ta' attività, inklużi l-prevenzjoni tar-riskji, l-informazzjoni u t-taħriġ

ANNESS II

Proċeduri msemmija fl-Artikolu 5(2)

Avvenimenti tal-ħajja	**Proċeduri**	**Ir-riżultat mistenni soġġett għal valutazzjoni tal-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, fejn rilevanti**
Twelid	Talba ta' **prova tar-reġistrazzjoni tat-twelid** [...]	**Prova tar-reġistrazzjoni tat-twelid jew** ċertifikat tat-twelid
Studju	Applikazzjoni għal **finanzjament ta' studju** fl-**edukazzjoni terzjarja, bħal** għotji**et u self** ta' studju minn **korp jew** istituzzjoni pubblika	Deċiżjoni [...] **dwar** l-applikazzjoni għal **finanzjament** [...] jew **għarfien tal-irċevuta**
	Talba għar-rikonoxximent akkademiku ta' diplomi, ċertifikati jew provi oħra ta' studji jew korsijiet [...]	**Deċiżjoni dwar it-talba għar-rikonoxximent**

Xogħol	**Talba għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli** [...] **f'konformità mat-Titolu II tar-Regolament (UE) 883/2004**[38]	[...]**Deċiżjoni dwar il-leġislazzjoni applikabbli**
	Notifika ta' bidliet f'ċirkustanzi personali jew professjonali [...] tal-persuna li tkun qed tirċievi [...] benefiċċji tas-sigurtà soċjali, rilevanti għat-tali benefiċċji	**Konferma tal-irċevuta tan-notifika tal-bidla**
	Applikazzjoni għall-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (EHIC)	**Il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (EHIC)**
	[...]	[...]
Ċaqliq	Reġistrazzjoni ta' bidla tal-indirizz	Konferma ta**d-** **dereġistrazzjoni fl-indirizz preċedenti u tar-**reġistrazzjoni **fl-**[...]indirizz il-ġdid
	[...]	[...]
	Ir-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur **li toriġina minn, jew li hija diġà rreġistrata fi, Stat Membru tal-UE, fi proċeduri standard**[39]	**Prova tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur** [...]

38 **[...] Regolament (UE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali.**

39 **Dan ikopri l-vetturi li ġejjin: (a) kwalunkwe vettura bil-mutur jew karru kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L263, 9.10.2007, p. 1) u (b) kwalunkwe vettura bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta, kemm jekk rota doppja jew xort'oħra, maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq, kif imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1).**

Irtirar	Talba għall-pensjoni u benefiċċji ta' qabel l-irtirar minn skemi **obbligatorji** [...]	**Konferma tal-irċevuta tat-talba jew** [...]id-**d**eċiżjoni rigward it-talba għal pensjoni jew għal benefiċċji ta' qabel l-irtirar
Bidu ta' negozju	Reġistrazzjoni ġenerali ta' attività ta' negozju, minbarra l-proċeduri li jirrigwardaw il-kostituzzjoni ta' kumpaniji jew ditti skont it-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 TFUE	Konferma tat-tlestija tal-passi kollha meħtieġa biex wieħed jibda jopera negozju
	Reġistrazzjoni ta' impjegatur (persuna fiżika) mal-iskemi **obbligatorji** [...] ta' pensjoni u assigurazzjoni	**Konferma tar-reġistrazzjoni jew n**[...]umru ta' reġistrazzjoni tas-sigurtà soċjali
	Reġistrazzjoni ta' impjegati mal-iskemi **obbligatorji** [...] tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni	**Konferma tar-reġistrazzjoni jew n**[...]umru ta' reġistrazzjoni tas-sigurtà soċjali
Twettiq ta' negozju	Notifika lill-iskemi tas-sigurtà soċjali tat-tmiem ta' kuntratt ma' impjegat**, minbarra l-proċeduri għat-tmiem kollettiv tal-kuntratti tal-impjegati**	Konferma tal-irċevuta tan-notifika
	Pagament ta' kontribuzzjonijiet soċjali għall-impjegati	Irċevuta jew forma oħra ta' konferma ta' pagament ta' kontribuzzjonijiet soċjali għall-impjegati

ANNESS III

Lista tas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi msemmija fl-Artikolu 2(2)(c)

(1) Punti ta' Kuntatt Waħdieni[40]

(2) Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti[41]

(3) Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti għall-Bini[42]

(4) Ċentri ta' Assistenza Nazzjonali għall-Kwalifiki Professjonali[43]

(5) Punti ta' Kuntatt tas-Saħħa[44]

(6) EURES[45]

(7) Soluzzjoni tat-Tilwim Online[46]

---

40 **Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).**

41 **Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21–29).**

42 **Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5–43).**

43 **Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22–142).**

44 **Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).**

45 **Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 107, 22.04.2016, p. 1-28).**

46 **Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni onlajn għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1-12).**